

Brussell, 7 ta' Frar 2024
(OR. en)

6291/24

CLIMA 56
ENV 141
ENER 57
TRANS 50
AGRI 78
ECOFIN 148
COMPET 140
IND 63
MI 136

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Frar 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 63 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Niżguraw il-futur tagħna Il-mira klimatika Ewropea għall-2040 u l-perkors għan-newtralità klimatika sal-2050 aħna u nibnu soċjetà sostenibbli, prospera u ġusta

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2024) 63 final.

Mehmuż: COM(2024) 63 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 6.2.2024
COM(2024) 63 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Niżguraw il-futur tagħna

**Il-mira klimatika Ewropea għall-2040 u l-perkors għan-newtralità klimatika sal-2050
aħna u nibnu soċjetà sostenibbli, prospera u ġusta**

{SEC(2024) 64 final} - {SWD(2024) 63 final} - {SWD(2024) 64 final}

Werrej

1	Viżjoni lil hinn mill-2030	2
2	Azzjoni klimatika globali ambizzjuża	4
3	Il-mira għall-2040 u l-perkors għan-newtralità klimatika	6
3.1	Il-mira.....	6
3.2	Kost tan-nuqqas ta' azzjoni	9
4	Nilħqu l-mira tal-2040	10
4.1	L-implimentazzjoni tal-qafas ta' politika tal-2030.....	10
4.2	Ekonomija għas-servizz tan-nies.....	11
4.3	Is-sistema enerġetika tal-UE	12
4.4	Ftehim dwar id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija.....	15
4.5	Id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport u t-titjib tal-mobbiltà	20
4.6	L-art, l-ikel u l-bijoeconomija	22
4.7	Ninvestu fil-futur tagħna	24
5	Konklużjoni u l-passi li jmiss	28

1 Viżjoni lil hinn mill-2030

It-tibdil fil-klima qed jintensifika u l-kostijiet reali tiegħu qed iħaffu l-pass. Is-sena 2023 rat aċċelerazzjoni bla preċedent fit-taqlib fil-klima tant li kienet l-ewwel darba li t-tiżhin globali laħaq il-1,48 °C 'il fuq mil-livell preindustrijali, u li r-rekords tat-temperatura tal-oċeani u tat-telfien tas-silġ fl-Oċean Antartiku nkisru sew. Issa huwa ċar, aktar minn qatt qabel, li biex tinkiseb klima stabbli u biex nissalvagwardjaw pjaneta abitabbli għall-ġenerazzjonijiet attwali u futuri rridu nnaqqsu bil-kbir, u malajr, l-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra (GHG) u nħejju ruħna għall-impatti futuri tat-tibdil fil-klima⁽¹⁾. Dan nistgħu nagħmluh, anzi jmissna nagħmluh, fl-istess waqt li nkomplu nsawru soċjetà prospera u ġusta, b'industrija u settur agrikolu tal-UE li jkunu aġli u b'saħħithom f'ekonomija kompetittiva globalment — u dejjem aktar sostenibbli — u li tħalli riżultati li minnhom jibbenefika kulħadd, f'konformità mal-20 prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-Pjan ta' Azzjoni tiegħu.

L-eżitu tal-COP28 f'Dubai u l-ewwel rendikont globali tal-azzjonijiet klimatiċi juru li l-bqija tad-dinja qed timxi b'mod rapidu f'dan il-perkors ukoll. L-UE, wara li kkodifikat in-newtralità klimatika sal-2050 fil-leġiżlazzjoni, kienet minn ta' quddiem fl-azzjoni klimatika, u se tibqa' miexja f'din it-triq.

Il-viżjoni tal-Ewropa fi tmiem id-deċennju li jmiss hija waħda komprensiva: jeħtieġ li tibqa' destinazzjoni ewlenija għall-opportunitajiet ta' investiment li jġibu impjiegi ta' kwalità — stabbli u validi għall-futur — b'ekosistema industrijali b'saħħitha. L-Ewropa jeħtieġ tkun minn ta' quddiem fl-iżvilupp tas-swieq tat-teknoloġija nadifa tal-futur; qasam imfittex sew mill-pajjiżi u n-negozji ewlenin kollha minħabba l-opportunitajiet li jagħti s-suq. Hi u tittrasforma ruħha f'kontinent b'enerġija nadifa u affordabbli abbażi ta' użu baxx tal-karbonju, u b'ikel u materjali sostenibbli, l-Ewropa se ssir reżiljenti kontra kriżijiet futuri, bħal dawk li bħalissa huma kkawżati minn tfixkil fil-provvista tal-fjuwils fossili. Billi tibqa' protagonista globali u sieħba f'data fl-azzjoni klimatika, l-Ewropa fl-istess ħin se ssaħħa l-awtonomija strateġika miftuħa tagħha u tiddiversifika l-ktajjen tal-valur globali sostenibbli tagħha biex tkun hi li tiddeċiedi d-destin tagħha f'dinja volatili.

Azzjoni klimatika mfassla tajjeb tista' twassal biex din il-viżjoni tikkonkretizza ruħha f'benefiċċji għall-Ewropa u ċ-ċittadini tagħha. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew huwa l-istrateġija fit-tul tal-UE għat-tkabbir ekonomiku, l-investiment u l-innovazzjoni. L-implimentazzjoni tiegħu se ssaħħa b'mod partikolari l-indipendenza enerġetika tal-UE mill-fjuwils fossili. Fl-2022, il-valur tal-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili żdied għal EUR 640 biljun (4,1 % tal-PDG), minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Fl-2023, meta l-prezzijiet naqsu b'mod sostanzjali, il-kostijiet netti tal-importazzjoni tal-fjuwils fossili ammontaw għal madwar 2,4 % tal-PDG⁽²⁾.

It-tkabbir tal-ekonomija abbażi tal-fjuwils fossili u l-ħela tar-riżorsi mhuwiex sostenibbli. L-UE wriet li l-azzjoni klimatika u s-sostenn tat-tkabbir ekonomiku jimxu id f'id billi t-tkabbir

(1) IPCC. AR6 Rapport ta' Sintesi: It-Tibdil fil-Klima 2023

(2) Abbażi tad-data kummerċjali għall-ewwel 10 xhur u l-PDG ipprojetat

jiġi diżakkoppjat mill-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Skont *data* proviżorja, l-emissjonijiet netti totali ta' gassijiet serra kienu 32,5 % inqas fl-2022 milli fl-1990⁽³⁾ filwaqt li l-ekonomija kibret b'67 %⁽⁴⁾. Il-produttività tal-materjali żdiedet b'37,5 % bejn l-2000 u l-2022 ⁽⁵⁾.

Issa qed jintużaw livelli rekord ta' enerġija rinnovabbli u teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Għall-ewwel darba, fl-2023 l-UE installat 17 GW ta' enerġija eolika ġdida u 56 GW ta' enerġija solari (DC). Fl-2022, inbiegħu madwar 3 miljun unità ta' pompi tas-sħana.

Il-liġi Ewropea dwar il-Klima introduċiet mira intermedja li għandha tiġi proposta mill-Kummissjoni mhux aktar tard minn sitt xhur wara r-rendikont globali skont il-Ftehim ta' Pariġi. Għalhekk, f'konformità mal-parir xjentifiku tal-Bord Konsultattiv Xjentifiku Ewropew dwar it-Tibdil fil-Klima u abbażi ta' Valutazzjoni tal-Impatt dettaljata, din il-Komunikazzjoni tippreżenta tnaqqis nett ta' 90 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra meta mqabbla mal-livelli tal-1990 bħala l-mira rakkomandata għall-2040 ("il-mira tal-2040"). Din il-mira tiżgura li l-baġit globali korrispondenti għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) għall-UE bejn issa u l-2050 ikun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima u jipprovdi perkors kredibbli lejn soċjetà b'saħħha u sostenibbli fl-Ewropa.

Biex tinkiseb din il-mira jrid ikun hemm għadd ta' kundizzjonijiet abilitanti, bħall-implimentazzjoni sħiħa tal-qafas maqbul għall-2030, l-iżgurar tal-kompetittività tal-industrija Ewropea, enfasi akbar fuq tranżizzjoni ġusta li ma tħalli lil ħadd jibqa' lura, kundizzjonijiet ekwi mas-sħab internazzjonali, u djalogu strateġiku dwar il-qafas għal wara l-2030, inkluż mal-industrija u s-settur agrikolu.

L-għan ta' din il-Komunikazzjoni huwa li tvara d-dibattitu politiku u ttipprovdi l-informazzjoni għat-tnejn tal-qafas għal wara l-2030. Ma ttipponix miżuri ta' politika ġodda u lanqas ma tistabbilixxi miri ġodda speċifiċi għas-settur.

F'dan ir-rigward, l-istabbiltà u l-implimentazzjoni sħiħa tal-qafas leġiżlattiv fis-seħħ biex jintlaħqu l-miri tal-klima u l-enerġija għall-2030 huma prekondizzjoni biex l-UE tibqa' fit-triq lejn il-mira tal-2040 fit-triq lejn in-newtralità klimatika fl-2050 u biex tisfrutta l-potenzjal sħiħ tat-tranżizzjoni. Fil-fatt, l-estensjoni tal-politiki attwali għall-2040 diġà twassal għal tnaqqis ta' -88 % sal-2040. Il-frontloading tad-dekarbonizzazzjoni fi triqitna lejn in-newtralità klimatika sal-2050 se jnaqqas b'mod sinifikanti l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili (b'80 % fl-2040) u b'hekk jipprovdi protezzjoni akbar kontra x-xokkijiet fil-prezzijiet u joħloq suq ewlieni f'teknoloġiji nodfa, filwaqt li jsaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa u l-kompetittività tal-UE. Madankollu, tenħtieġ aktar enfasi fuq qafas li jiżgura li ċ-ċittadini kollha jibbenefikaw mit-tranżizzjoni klimatika, kemm issa u kemm fid-deċennji li ġejjin. Pereżempju, il-Patt Ekoloġiku Ewropew irid ikun ukoll ftehim ta' dekarbonizzazzjoni industrijali. Jeħtieġ li l-Ewropa tintegra aħjar l-impjiegi u l-ħiliet, kif ukoll l-aspetti soċjali u

⁽³⁾ Ir-Rapport ta' Progress dwar l-Azzjoni Klimatika tal-2023.

⁽⁴⁾ Stima mill-bażi tad-*data* AMECO (il-Kummissjoni Ewropea, DG ECFIN), PDG reali.

⁽⁵⁾ Eurostat, Qafas ta' Monitoraġġ tal-Ekonomija Ċirkolari.

distributtivi, fl-azzjoni klimatika tagħha, u jekk trid tikseb tkabbir ekonomiku sostenibbli għandha bżonn qafas abilitanti għall-industrija dekarbonizzata, kif ukoll kundizzjonijiet ekwi globali biex in-negozji ekoloġiċi jirnexxu. L-Ewropa se jkollha bżonn tippjana wkoll l-infrastruttura meħtieġa għall-enerġija u t-trasport. Dawn l-aspetti se jiġu indirizzati fir-rieżamijiet li ġejjin u li diġà huma previsti fil-miżuri eżistenti tal-UE biex niżguraw li jirnexxilna niksba l-oġettivi tagħna għall-2030.

Barra minn hekk, l-Ewropa se jeħtiġilha timmobilizza t-taħlita t-tajba ta' investiment mis-settur privat u dak pubbliku biex l-ekonomija tagħna ssir kemm sostenibbli kif ukoll kompetittiva. F'dan il-qasam, fis-snin li ġejjin se jkun meħtieġ approċċ Ewropew dwar il-finanzi, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, biex jiġu ġġenerati ekonomiji ta' skala u ambitu, filwaqt li tiġi limitata l-frammentazzjoni tal-isforzi u l-approfondiment tal-iżbilanċi reġjonali.

Ħafna investimenti magħmula biex jintlaħqu l-miri tal-klima u l-enerġija għall-2030 għandhom impatti mifruxa fuq għexieren ta' snin. Jekk niddefinixxu mira klimatika għall-2040 minn issa, inkunu nistgħu nipprevedu l-investimenti.. Dan se jgħin lil dawk li jieħdu d-deċizzjonijiet fl-UE, lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati biex jieħdu d-deċizzjonijiet meħtieġa f'dan id-deċennju kritiku, sabiex ikunu kompatibbli mal-mira tal-2040 u mal-oġettiv tan-newtralità klimatika, filwaqt li jimminimizzaw ir-riskji li ningħalqu f'toroq b'kostijiet kbar, li ma jilħqux l-aħjar riżultati u li saħansitra jwasslu biex jintilfu xi assi.

L-importanza li t-tranżizzjoni tkun ġusta tinsab fil-qofol tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, anki minħabba t-tħassib fost xi ċittadini u atturi industrijali dwar ir-riskji u l-kostijiet tat-tranżizzjoni klimatika u tal-enerġija. L-azzjoni klimatika trid tinkludi lil kulħadd, b'attenzjoni partikolari lejn l-appoġġ ta' dawk li jiffaċċjaw l-akbar sfida. Huwa għalhekk li din il-Komunikazzjoni hija l-bidu ta' djalogu u sensibilizzazzjoni estensiva maċ-ċittadini, in-negozji, is-sħab soċjali, l-NGOs, id-dinja akkademika u partijiet ikkonċernati oħra dwar il-perkors it-tajjeb tal-2040 lejn in-newtralità klimatika sal-2050. Tali djalogu mal-industrija diġà qed iseħħ permezz tad-Djalogi dwar Tranżizzjoni Nadifa organizzati mas-setturi industrijali ewlenin, u se jitkompla u jiġi estiż, inkluż f'perspettiva tal-2040. Ġie varat ukoll id-Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-Agrikoltura mal-bdiewa u atturi oħra fil-katina alimentari dwar il-futur tal-agrikoltura. Barra minn hekk, għandu jissaħħa djalogu strutturat u sistematiku mas-sħab soċjali biex jiġi żgurat il-kontribut tagħhom, b'enfasi fuq l-impjiegi, inkluża d-disponibbiltà tal-impjiegi għall-ħaddiema ssensjati, il-mobbiltà, il-kwalità tal-impjiegi, l-investimenti fit-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet. Il-Kummissjoni se tippreżenta r-rendikont tad-Djalogi dwar Tranżizzjoni Nadifa qabel il-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew f'April ta' din is-sena. Dawn id-djalogi u sensibilizzazzjoni se jippermettu lill-Kummissjoni li jmiss tressaq proposti leġislattivi għall-qafas ta' politika għal wara l-2030 li se jkunu meħtieġa biex tintlaħaq il-mira tal-2040 b'mod ġust u kosteffiċjenti.

1 Azzjoni klimatika globali ambizzjuża

L-ewwel rendikont globali skont il-Ftehim ta' Pariġi sab li l-partijiet qed jistabbilixxu politiki dejjem aktar effettivi dwar il-klima, iżda li hija meħtieġa azzjoni addizzjonali urġenti biex id-dinja titqiegħed fit-triq it-tajba biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi.

Il-partijiet fil-COP28 qablu li l-limitazzjoni tat-tisħin globali għal 1,5 °C tirrikjedi tnaqqis profond, rapidu u sostnut fl-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra ta' 43 % sal-2030 u ta' 60 % sal-2035 meta mqabbel mal-livelli tal-2019 u l-ilħuq, globalment, ta' emissjonijiet tad-CO₂ zero netti sal-2050. Ir-Rendikont Globali enfasisza li l-era tal-fjuwils fossili jeħtieġ tintemm, filwaqt li rrikonoxxa l-hteġa li kulħadd jitbiegħed mill-fjuwils fossili. Il-Ftehim jistieden ukoll lill-partijiet biex jittriplaw il-kapaċità globali tal-enerġija rinnovabbli u jirdupplaw ir-rata ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika sal-2030, biex jaċċelleraw l-isforzi globali lejn sistemi tal-enerġija b'emissjonijiet zero netti, bl-użu ta' fjuwils bla emissjonijiet tal-karbonju jew b'livell baxx tagħhom, ħafna qabel nofs is-seklu jew sa dak iż-żmien. Filwaqt li jenfasizza l-importanza ta' tranżizzjoni ġusta, jappella wkoll biex jiġu aċċellerati l-isforzi biex jitnaqqsu gradwalment il-faħam mingħajr ma jkun inqabad u nħażen id-diossidu tal-karbonju, l-emissjonijiet mit-trasport bit-triq, l-indirizzar tal-metan, u emissjonijiet oħra mhux tad-CO₂ dan id-deċennju, u l-eliminazzjoni gradwali mill-aktar fis possibbli tas-sussidji ineffiċjenti għall-fjuwils fossili li ma jindirizzawx il-faqar enerġetiku jew gruppi vulnerabbli. Dan se jirrikjedi bidla fix-xejriet tal-investiment madwar id-dinja biex jiġi żgurat li l-flussi finanzjarji jkunu konsistenti ma' perkorsi ta' żvilupp b'emissjonijiet baxxi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima.

Ir-riżultati tal-COP28 jistabbilixxu l-aspettattiva minima għal azzjoni mill-komunità globali kollha u jpoġġu lill-oħrajn fuq it-trajettorja li l-UE diġà tinsab fuqha. L-UE ser tkompli tikkontribwixxi għall-bini tal-mezzi u tal-momentum għal aktar azzjoni globali u tipperswadi u tappoġġa pajjiżi oħra biex jagħmlu l-istess.

Filwaqt li tibni fuq is-suċċess u l-potenzjal tal-Global Gateway, il-kooperazzjoni internazzjonali se tespandi f'oqsma ġodda f'konformità mal-impenji kollettivi tar-Rendikont Globali u opportunitajiet teknoloġiċi ġodda. Il-finanzjament għall-klima se jibqa' fil-qalba tal-kontribut tal-UE għall-azzjoni klimatika globali. L-UE, flimkien mal-Istati Membri tagħha u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), hija l-akbar kontributor tal-finanzjament pubbliku għall-klima għall-ekonomiji li qed jiżviluppaw, b'kontribuzzjoni ta' EUR 28,5 biljun fl-2022 u l-mobilizzazzjoni ta' EUR 11,9 biljun addizzjonali ta' finanzjament privat.

L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jsaħħu d-diplomazija dwar il-klima f'fora bilaterali, plurilaterali (G7, G20, OECD, u l-Klabb dwar il-Klima fost oħrajn) u multilaterali.

Il-Kummissjoni se tistabbilixxi taskforce dedikata biex toffri l-għarfien espert tagħha u tuża persunal biex tistabbilixxi swieq tal-karbonju, tiżviluppa approċċ globali għall-ipprezzar tal-karbonju⁶, tintensifika d-diplomazija tagħha tas-suq tal-karbonju madwar id-dinja u tamplifika l-isforzi tagħha biex tirreplika s-suċċess tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) billi tħeġġeġ u tappoġġa ġurisdizzjonijiet oħra biex jintroduċu jew itejbu l-mekkaniżmi tal-ipprezzar tal-karbonju tagħhom infushom.

L-implimentazzjoni gradwali tal-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM) li daħal fis-seħħ, fil-fażi tranżizzjonali tiegħu, fl-1 ta' Ottubru 2023, tinċentiva

⁽⁶⁾ Din il-ħidma għandha tqis tajjeb l-ispinta tal-UE għal miżuri globali tal-ipprezzar tal-karbonju għall-avjazzjoni internazzjonali u t-trasport marittimu, permezz tal-ICAO u l-OMI rispettivament.

wkoll lill-gvernijiet biex jużaw miżuri ta' pprezzar biex inaqqsu l-emissjonijiet u biex l-industriji jnaqqsu l-emissjonijiet tagħhom ta' gassijiet serra, abbażi ta' metodoloġija li għandha potenzjal għal applikazzjoni internazzjonali.

F'ambjent ġeopolitiku volatili, l-UE se tkompli tiżviluppa sħubijiet stabbli ma' pajjiżi tal-istess fehma. L-Alleanzi Ekoloġiċi u s-Sħubijiet Ekoloġiċi konklużi mas-sħab mill-2021 'l hawn se jsostnu l-perkorsi li se tiegħu l-UE u s-sħab tagħha lejn in-newtralità klimatika. Se twessa' u tapprofondixxi s-sħubijiet ma' fornituri internazzjonali affidabbli, inklużi l-pajjiżi tal-vecinat, biex tiżgura s-sigurtà tal-enerġija fit-tul tagħha u l-prevedibbiltà tal-provvista matul it-tranżizzjoni tal-enerġija. Dan se jgħin biex jitnaqqsu d-dipendenzi u l-ispejjeż esterni filwaqt li jitnaqqsu r-riskji tal-ktajjen tal-provvista. Se jagħti wkoll is-setgħa lin-negozji Ewropej u lis-soċjetà Ewropea li jibbenefikaw mit-tranżizzjoni globali u mid-domanda dejjem akbar għal teknoloġiji nodfa, flimkien ma' strumenti ta' politika biex tiġi żgurata r-reżiljenza tal-provvista tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti tal-UE.

Il-ftehimiet kummerċjali jistgħu jgħinu biex javvanzaw l-għanijiet klimatiċi u jilhqqu l-miri tagħna filwaqt li jiżguraw li s-sistema kummerċjali internazzjonali tibqa' ġusta u nondiskriminatorja. Il-politika kummerċjali tista' tixpruna l-innovazzjoni, tippromwovi ktajjen ta' valur sostenibbli u toħloq aċċess għas-suq għal teknoloġiji u prodotti nodfa.

Filwaqt li tirrifletti l-momentum sinifikanti fit-tkabbir tal-UE, il-Kummissjoni se tappoġġa lill-pajjiżi kandidati u lill-pajjiżi kandidati potenzjali fl-allinjament mal-acquis tal-UE dwar il-klima u l-enerġija u l-adozzjoni tiegħu, inkluża l-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Dan jinkludi l-implimentazzjoni tal-impenji li saru permezz tal-Komunità tal-Enerġija biex jintlaħqu l-miri tal-klima u tal-enerġija għall-2030 u n-newtralità klimatika sal-2050 fi ħdan qafas ibbażat fuq ir-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija. L-impenn u t-tranżizzjoni f'konformità mal-istadju importanti tal-2040 se jkunu wkoll fattur importanti fil-proċess ta' adeżjoni tal-Istati Membri futuri tal-UE.

Il-mira għall-2040, ladarba jintlaħaq qbil dwarha, ser tkun il-bażi tal-Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali (NDC) il-ġdid tal-UE skont il-Ftehim ta' Pariġi, li għandu jiġi kkomunikat lill-UNFCCC fl-2025, qabel il-COP30. Iċ-ċifra netta tal-gassijiet serra għall-UE fl-2035 se tiġi derivata ladarba jintlaħaq qbil dwar il-mira tal-2040, għall-komunikazzjoni bħala parti mill-NDC il-ġdid.

2 Il-mira għall-2040 u l-perkors għan-newtralità klimatika

2.1 Il-mira

Biex l-UE titqiegħed fi triq soda lejn in-newtralità klimatika, din il-Komunikazzjoni tippreżenta tnaqqis nett ta' **90 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra meta mqabbel mal-livelli tal-1990 bħala l-mira rakkomandata għall-2040 ("il-mira tal-2040")**. Biex jitwassal tnaqqis tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra ta' 90 %, l-analiżi fil-valutazzjoni tal-impatti turi li l-livell tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE li jifdal fl-2040 jeħtieġ ikunu ta' anqas

minn 850 MtCO₂-eq ⁽⁷⁾ u t-tneħħija tal-karbonju (mill-atmosfera permezz ta' tneħħijiet tal-karbonju industrijali u bbażati fuq l-art) jeħtieġ jilhq u l-livell ta' 400 MtCO₂.

Il-mira proposta hija bbażata fuq valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa ⁽⁸⁾ li ħarset fid-dettall lejn l-implikazzjonijiet ta' tliet għażliet fil-mira għall-2040:

- L-Għażla 1, tnaqqis sa 80 % meta mqabbel mal-1990, konsistenti ma' trajettorja lineari bejn l-2030 u l-2050 ⁽⁹⁾;
- L-Għażla 2, tnaqqis ta' 85-90 %, kompatibbli mal-livell ta' tnaqqis nett tal-gassijiet serra li jintlaħaq (-88 %) jekk il-qafas ta' politika attwali jiġi estiż sal-2040 u
- L-Għażla 3, tnaqqis ta' 90-95 %.

Hemm differenza ċara bejn l-għażliet fil-mira dwar l-importanza ta' teknoloġiji ġodda. L-Għażla 3 hija akkumpanjata minn investimenti aktar rapidi għall-użu mifrux ta' teknoloġiji ġodda b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju bħall-produzzjoni tal-idroġenu bl-elettroliżi, il-qbid u l-użu tal-karbonju u l-assorbimenti industrijali tal-karbonju bejn l-2031 u l-2040 milli fl-Għażla 2. L-Għażla 1 fil-biċċa l-kbira tħalli l-użu mifrux ta' teknoloġiji ġodda għall-2041-2050, u għalhekk turriskja li ma tilħaqx in-newtralità klimatika sal-2050. L-Għażla 3 tantiċipa l-ammont kbir ta' assorbimenti tal-karbonju li huwa meħtieġ biex tintlaħaq in-newtralità klimatika sal-2050 u biex jinkisbu emissjonijiet negattivi netti lil hinn.

L-Għażla 3 twassal għall-anqas baġit tal-gassijiet serra għall-UE, b'emissjonijiet netti kumulattivi ta' gassijiet serra (il-baġit indikattiv tal-gassijiet serra) ta' 16 GtCO₂-eq għall-2030–2050. Hija l-unika għażla li tikkorrispondi għall-parir tal-ESABCC ⁽¹⁰⁾, timminimizza l-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra li npoġġu fl-atmosfera u hija konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima biex tippreżenta baġit tal-gassijiet serra li ma jpoġġix f'riskju l-impenji tal-UE skont il-Ftehim ta' Pariġi. Bil-baġit globali tal-karbonju li jifdal ⁽¹¹⁾ li qed jonqos b'rata mgħaġġla, huwa essenzjali li l-partijiet kollha jimminimizzaw l-emissjonijiet kumulattivi tagħhom stess. Li l-UE ssib perkors malajr kemm jista' jkun iwassal għal tranżizzjoni irħas u aktar prevedibbli. Aktar ma l-azzjoni klimatika tiddewwem, aktar jikbru l-kostijiet umani u ekonomiċi u aktar tkun kbira l-ħtieġa li jiġu ffinanzjati r-restawr u l-adattament, bl-użu ta' riżorsi mill-ekonomija tal-UE.

L-għażliet kollha jinkludu bidla fil-kostijiet totali mill-kostijiet operazzjonali (marbuta max-xiri tal-fjuwils fossili) għall-kostijiet kapitali. Il-ħtiġijiet ta' investiment għall-2031–2050 huma simili fl-opzjonijiet kollha, bl-Għażla 3 tirrikjedi ħtiġijiet ta' investiment annwali ogħla

⁽⁷⁾ Esklużi l-emissjonijiet mis-settur tal-LULUCF.

⁽⁸⁾ L-analiżi hija bbażata fuq xenarji li jirriflettu l-politiki u l-miżuri sa Marzu 2023. L-Istati Membri se jippreżentaw il-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima finali tagħhom fl-2024, li jistgħu jinkludu miżuri addizzjonali.

⁽⁹⁾ Konsistenti mat-trajettorja msemmija fl-Artikolu 8 tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima, trajettorja lineari bejn il-mira maqbula għall-2030 u n-newtralità klimatika fl-2050, li tilħaq madwar 78 % fl-2040.

⁽¹⁰⁾ ESABCC (2023). Parir xjentifiku għad-determinazzjoni ta' mira klimatika għall-UE kollha għall-2040 u baġit għall-gassijiet serra għall-2030-2050. DOI: 10.2800/609405

⁽¹¹⁾ Għal aktar informazzjoni, ara l-Anness 14 tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

fl-2031–2040 mill-Għażliet 1 u 2, iżda mbagħad inqas fl-2041–2050. Madankollu, bl-eċċezzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija, id-differenzi bejn l-Għażliet 2 u 3 f'termini tal-kost totali tas-sistema tal-enerġija, il-PDG u l-kompetittività fuq l-ishma tal-esportazzjoni globali għadhom limitati. L-Għażla 3 tistabbilixxi triq ta' tranżizzjoni ċara lil hinn mill-fjuwils fossili kif mitlub mill-COP28, u tipprovdi l-akbar benefiċċji f'termini ta' indipendenza enerġetika u protezzjoni msaħħa kontra x-xokkijiet fil-prezzijiet tal-fjuwils fossili. Dan isahha l-awtonomija strateġika tal-UE fil-kuntest internazzjonali volatili ħafna fejn id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili hija riskju għas-sigurtà tal-UE u l-istabbiltà ekonomika tagħha.

Il-mira rakkomandata tirrikjedi l-użu rapidu ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero u baxxi tal-karbonju sal-2040, li jgħid li suq domestiku kbir għall-manifatturi tat-teknoloġija nadifa, jinċentiva r-riċerka u l-innovazzjoni u l-ħolqien ta' bażi industrijali Ewropea b'saħħitha, li se tpoġġi lill-UE f'pożizzjoni minn ta' quddiem nett fit-tellieqa globali tat-teknoloġija nadifa minflok tħalli l-azzjoni għall-aħħar deċennju qabel l-2050. Madankollu, b'aktar azzjoni fid-deċennju 2031–2040, l-Għażla 3 tinvolvi wkoll ħtiġijiet moderatament ogħla għall-materja prima (u inqas fid-deċennju ta' wara), u, jekk it-teknoloġiji l-ġodda ma jintużawx malajr biżżejjed, jogħla r-riskju ta' compromessi ambjentali potenzjali b'mod partikolari f'termini tal-użu tal-art u r-rwol tal-bijomassa fis-sistema tal-enerġija.

Minħabba li l-mira ta' 90 % tinvolvi tranżizzjoni kemxejn aċċelerata, din tirrikjedi fokus u sforzi akbar biex tiggarrantixxi tranżizzjoni ġusta minn għażliet inqas ambizzjużi. Filwaqt li d-differenza bejn l-għażliet fil-kostijiet għall-unitajiet domestiċi hija limitata (b'mod partikolari bis-saħħa ta' effiċjenza enerġetika ogħla fl-Għażla 3 li tillimita x-xiri tal-enerġija), il-qafas ta' politika ta' wara l-2030 għandu jinkludi miżuri ta' politika adegwati biex jiġu żgurati prezzijiet tal-enerġija affordabbli u aċċess għal soluzzjonijiet dekarbonizzati. Il-miżuri ridistributtivi se jkunu essenzjali biex jiġu indirizzati l-impatti soċjali ħalli ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

Kif jitqabblu l-għażliet fil-mira

Investimenti u kostijiet

L-Għażliet kollha jirrikjedu livell simili ta' investiment matul il-perjodu 2031-2050 u jinvolvu wkoll ir-ridirezzjonar ta' riżorsi li inkella, fin-nuqqas ta' azzjoni, ikunu meħtieġa wkoll jiġu investiti f'teknoloġiji b'użu aktar intensiv ta' karbonju sabiex jipprovdu l-ħtiġijiet tal-enerġija tal-ekonomija. Il-ħtiġijiet ta' investiment fis-sistema tal-enerġija jammontaw għal kważi EUR 660 biljun (ekwivalenti għal 3,2 % tal-PDG) fis-sena bħala medja matul il-perjodu kollu (imqabbla ma' EUR 250 biljun matul l-2011–2020, jew 1,7 % tal-PDG, għaxar snin b'investimenti relattivament baxxi fis-sistema tal-enerġija), u l-infiq annwali fit-trasport⁽¹²⁾ għal madwar EUR 870 biljun (ekwivalenti għal 4,2 % tal-PDG, proporzjon simili tal-PDG bħal fl-2011–2020). L-Għażla 3 tressaq 'il quddiem xi investimenti fis-sistema tal-enerġija għas-snin 2030, b'investiment annwali medju ta' EUR 710 biljun

⁽¹²⁾ L-investimenti fis-settur tat-trasport jirriflettu n-nefġiet fuq il-vetturi, il-vetturi ferrovjarji, l-inġenji tal-ajru u l-bastimenti flimkien mal-infrastruttura tal-iċċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil. Dawn ma jkoprox investimenti fl-infrastruttura biex jappoġġaw il-mobbiltà multimodali u t-trasport urban sostenibbli. B'mod partikolari, il-kostijiet tal-akkwist tal-vetturi privati jirrappreżentaw madwar 60 % tat-total.

matul l-2031-2040.

Il-kostijiet tas-sistema tal-enerġija ⁽¹³⁾ li jirriżultaw huma wkoll simili fl-għażliet kollha, li jvarjaw minn 12,4 % (Għażla 1), 12,7 % (Għażla 2) għal 12,9 % tal-PDG (Għażla 3) fl-2031-2040, b'żieda moderata meta mqabbla mal-11,9 % tal-PDG li ntefaq fl-2011–2020, u mbagħad jonqsu għal madwar 11,3 % għall-2041-2050. Il-kost tal-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili jonqos b'mod sinifikanti skont l-Għażla 3, għal inqas minn 1.4 % tal-PDG sal-2040 u inqas minn 0.6 % fl-aħħar deċennju (kontra 2.3 % matul l-2010–2021 u 4.1 % fl-2022 matul il-kriżi tal-enerġija reċenti), u ffranka madwar EUR 2.8 triljun matul l-2031–2050.

Il-valutazzjoni turi wkoll li l-progress, pereżempju fl-ekonomija ċirkolari, jista' jnaqqas il-ħtiġijiet ta' investiment fis-sistema tal-enerġija b'madwar 7 % matul l-2031-2050 (li jirrappreżenta ffrankar annwali ta' EUR 45 biljun) u l-infiq fit-trasport b'madwar 9 % (EUR 127 biljun). Dan iwassal għal kostijiet aktar baxxi tas-sistema tal-enerġija ta' 12,6 % tal-PDG fl-2031-2040 u 10,8 % fl-2041-2050, sostanzjalment aktar baxxi milli fl-2011-2020.

Ambjent

It-tliet għażliet fil-mira kollha joffru kobenefiċċji sinifikanti, inkluż titjib fil-kwalità tal-arja, fl-ekosistemi u fis-saħħa, u tnaqqis fil-kostijiet tal-kura tas-saħħa.

2.2 Kost tan-nuqqas ta' azzjoni

Il-kostijiet u l-impatti umani ta' klima li qed tinbidel huma kbar u qed jikbru. L-avvenimenti estremi relatati mal-klima żdiedu bejn l-1980 u l-2022, u kkawżaw 220 000 mewta u EUR 650 biljun f'telf ekonomiku matul il-perjodu fl-UE, li minnhom madwar EUR 170 biljun matul l-aħħar 5 snin biss.⁽¹⁴⁾ Bħala waħda mill-konsegwenzi, fi Frar 2024 ġie deċiż li r-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajjnuna ta' Emerġenza tal-UE tiżdied b'EUR 1,5 biljun għall-perjodu 2024-2027 (jiġifieri minbarra l-EUR 1,2 biljun fis-sena taħt il-QFP oriġinali). Huwa stmat ukoll li 61 000 ħajjiet intilfu fl-2022 minħabba s-sħana, ċifra li nqabżet biss mill-mewġiet ta' sħana tal-2003, li kkawżaw 70 000 mewta ⁽¹⁵⁾. Dawn in-numri jistgħu jiżdiedu malajr, peress li l-effetti komposti tat-tibdil fil-klima, l-użu tal-art u d-degradazzjoni ambjentali jistgħu jaffettwaw ukoll is-saħħa b'diversi modi u joħolqu opportunitajiet ġodda għat-trażmissjoni ta' infezzjonijiet virali fost speċijiet li qabel kienu ġeografikament iżolati ta' organiżmi selvaġġi u t-tranżizzjoni ta' mard minn annimali selvaġġi għall-bnedmin. Barra minn hekk, it-tibdil fil-klima flimkien mat-telf tal-bijodiversità huwa xprunatur sinifikanti tal-insigurtà tal-ikel. Issa qed niffaċċjaw riskji dejjem akbar li nilħqu punti irriversibbli fejn tidħol il-klima, b'konsegwenzi mhux magħrufa u potenzjalment katastrofiċi għas-soċjetajiet, l-ekosistemi u l-ekonomiji.

⁽¹³⁾ Il-kost tas-sistema tal-enerġija huwa usa' mill-investimenti, u jikkonsisti fil-kost kapitali (kost tal-investiment annwalizzat) u n-nefġiet tal-enerġija għall-attivitajiet ekonomiċi. Ara l-valutazzjoni tal-impatt għal aktar dettalji.

⁽¹⁴⁾ L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (2023). Economic losses from weather- and climate-related extremes in Europe.

⁽¹⁵⁾ Ballester, J., Quijal-Zamorano, M., Méndez Turrubiates, R.F. *et al.* Heat-related mortality in Europe during the summer of 2022. *Nat Med* 29, 1857–1866 (2023). <https://doi.org/10.1038/s41591-023-02419-z>, <https://www.nature.com/articles/s41591-023-02419-z>.

In-nuqqas ta' azzjoni jwassal għal kostijiet ferm akbar u li kulma jmur se jiżdiedu fid-deċennji li ġejjin. Għalkemm l-istimi tal-kostijiet ta' avvenimenti estremi tat-temp huma inċerti, il-valutazzjoni tal-impatt tistma b'mod konservattiv, mingħajr ma tqis il-punti kritiċi possibbli, li tali kostijiet jistgħu jnaqqsu l-PDG b'madwar 7 % sal-aħħar tas-seklu. Matul il-perjodu 2031-2050, il-kost addizzjonali kumulattiv tal-PDG ta' perkors li jwassal għal aktar tisħin globali jista' jammonta għal EUR 2,4 triljun fl-UE, meta mqabbel mal-kostijiet f'perkors kompatibbli mal-oġettiv ta' 1,5 °C tal-Ftehim ta' Pariġi. ⁽¹⁶⁾

Filwaqt li l-isfidi marbuta mat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika m'għandhomx jiġu sottovalutati, il-proċess innifsu se jiġġenera opportunitajiet ġodda kbar filwaqt li jiżgura futur sostenibbli għal kulħadd. Il-valutazzjoni tal-impatt tistma li jekk tintlaħaq il-mira ta' 90 % jista' jkun hemm inqas imwiet prematuri minħabba t-tniġġis tal-arja — minn 466 000 fis-sena fl-2015 għal 196 000 fis-sena fl-2040 — bi tnaqqis relatat fil-kostijiet minn madwar EUR 1 700 biljun fl-2015 għal EUR 670 biljun fl-2040 ⁽¹⁷⁾.

L-importazzjonijiet netti tal-fjuwils fossili jitnaqqsu filwaqt li l-ekonomija tkompli tikber. Il-valutazzjoni tal-impatt tistma li l-kost tax-xokkijiet fil-prezzijiet tal-fjuwils fossili stilizzati f'termini ta' output u impjiegi mitlufa jitnaqqas bin-nofs jekk dawn kellhom iseħħu f'ekonomija dekarbonizzata b'mod sinifikanti (kif jinkiseb skont il-mira klimatika tal-2040).

3 Nilħqu l-mira tal-2040

Il-mira tal-2040 tinkiseb kemm-il darba jiġi implimentat b'mod sħiħ il-qafas għall-klima u l-enerġija għall-2030 u tirrikjedi li jiġi żviluppat qafas ta' politika għal wara l-2030. Dan irid jiġi kkomplementat b'qafas abilitanti wiesa' għaż-żewġ oġettivi importanti ndaqs tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, jiġifieri t-tranżizzjoni ġusta u s-sostenibbiltà kompetittiva. Din l-enfasi doppja se tiskatta d-deċiżjonijiet ta' investiment meħtieġa u timmobilizza l-finanzjament, tintroduċi teknoloġiji innovattivi u tiżgura li ċ-ċittadini u s-setturi ekonomiċi kollha tal-UE jkunu jistgħu jibbenefikaw mit-tranżizzjoni u jaċċessaw soluzzjonijiet affordabbli.

3.1 L-implimentazzjoni tal-qafas ta' politika tal-2030

Iridu jsiru l-isforzi kollha biex jiġi implimentat il-qafas tal-enerġija u l-klima għall-2030 bħala l-pass biex tintlaħaq il-mira tal-2040 u n-newtralità klimatika fl-2050, f'konformità mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima. L-aġġornament kontinwu tal-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECPs) huwa element ewlieni fil-monitoraġġ tal-progress lejn il-miri tal-klima u l-enerġija għall-2030. Il-valutazzjoni inizjali tal-abbozzi tal-NECPs ⁽¹⁸⁾ tenfasizza l-ħtieġa għal livell ogħla ta' ambizzjoni u titjib fis-sottomissjonijiet finali dovuti mill-Istati

⁽¹⁶⁾Tqabbil bejn l-impatt tal-Profil Rappreżentattiv tal-Evoluzzjoni tal-Konċentrazzjoni tal-IPCC RCP7.0 "tisħin ogħla" (b'tisħin "bl-aħjar stima" ta' 2,1 °C f'nofs it-terminu (2041-2060) u 3,6 °C fit-tul (2081-2100)), u l-profil RCP1.9 kompatibbli ma' 1,5 °C (bit-temperaturi "bl-aħjar stima" ta' 1,6 °C u 1,4 °C).

⁽¹⁷⁾ Fuq il-bażi tal-valur tal-ħajja statistika (metodu ta' valutazzjoni għolja). Dawn l-istimi huma indikattivi, derivati mill-metodoloġija li tinfed l-analiżi ddedikata tal-Kummissjoni dwar l-arja nadifa, bħal fit-3 Perspettiva dwar l-Arja Nadifa.

⁽¹⁸⁾ COM(2023) 796 final

Membri sa Ġunju 2024. Il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri deċiżivi fl-implimentazzjoni effettiva tal-politiki u l-leġislazzjoni maqbula b'mod komuni u lesta taħdem mal-Istati Membri, is-setturi u s-sħab soċjali biex tiffaċilita l-azzjonijiet meħtieġa. L-għarfien espert imfassal apposta permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku tal-Kummissjoni jista' jgħin lill-Istati Membri jwettqu riformi li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-qafas ta' politika tal-2030.

3.2 Ekonomija għas-servizz tan-nies

Iċ-ċittadini tal-UE huma l-qofol tal-Patt Ekoloġiku. L-aktar persuni vulnerabbli, bħal dawk b'introjtu aktar baxx, il-persuni b'diżabilità, il-komunitajiet emarġinati u l-anzjani huma ħafna aktar esposti għal perikli klimatiki peress li ma għandhomx il-mezzi biex jipproteġu lilhom infushom kontra tali riskji. Dan jagħmel l-aġenda klimatika tal-UE saħansitra aktar importanti, flimkien ma' politiki ta' investiment u ta' appoġġ li jiġġeneraw benefiċċji soċjali u ekonomiċi, li jnaqqsu l-faqar u l-inugwaljanzi. Dan jinkludi l-investiment fin-nies permezz ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol, appoġġ għat-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol u miżuri mmirati ta' appoġġ għall-introjtu. Djalogu soċjali effettiv kif ukoll involviment qawwi tal-partijiet ikkonċernati u taċ-ċittadini huma kruċjali biex tiġi antiċipata u ġestita l-bidla flimkien ma' miżuri li jgħinu lil kulħadd jipparteċipa b'mod attiv fit-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' għażliet aċċessibbli u affordabbli li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent.

Tranżizzjoni ġusta u ekwa għan-nies

It-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika qed isseħħ flimkien mal-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali, id-diġitalizzazzjoni, it-tixjiħ u l-insigurtà ġeopolitika fost xejriet oħra. Flimkien se jwasslu għal bidliet fil-mod kif nipproduċu u nikkunsmaw oġġetti u servizzi, b'implikazzjonijiet għall-unitajiet domestiċi u għall-ħaddiema.

F'termini ta' impjieġ, l-effetti tat-tranżizzjoni se jvarjaw skont is-settur u skont ir-reġjun, skont id-dipendenza tagħhom fuq attivitajiet speċifiċi. Madankollu, is-setturi li jiddependu fuq il-fjuwils fossili, bħall-industriji tat-trasport u dawk intensivi fl-enerġija, se jgħaddu minn trasformazzjoni fundamentali. Huwa kruċjali wkoll li jiġi żgurat li l-għażliet ta' mobbiltà jibqgħu affordabbli u aċċessibbli kemm għaċ-ċittadini kif ukoll għall-operaturi ekonomiċi kollha, u li r-reġjuni rurali u remoti madwar l-UE jkunu konnessi aħjar biex jiffaċilitaw aktar l-iżvilupp tagħhom. Il-ħaddiema, il-komunitajiet u r-reġjuni dipendenti fuq attivitajiet intensivi fil-karbonju se jkunu l-aktar affettwati, u hi u tissawwar it-tranżizzjoni se jitolbu appoġġ kontinwu għal tranżizzjoni ġusta h, flimkien ma' azzjoni u miżuri komprensivi u kkoordinati mill-qrib bejn l-Istati Membri ⁽¹⁹⁾. It-tranżizzjoni se ġġib magħha opportunitajiet ġodda għan-negozju u l-ħolqien tal-impjiegi, għall-ħaddiema fil-livelli kollha tal-ħiliet, iżda se tkun ta' benefiċċju għal xi reġjuni aktar minn oħrajn. Il-politika ta' koeżjoni tal-UE, bl-investimenti tagħha u speċifikament mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, strument iddedikat għall-appoġġ tad-diversifikazzjoni ekonomika u l-konverżjoni mill-ġdid tat-territorji u l-

⁽¹⁹⁾ F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar "l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika" u abbażi tagħha (C/2022/243).

komunitajiet milquta, u l-miżuri nazzjonali, se tkompli taqdi rwol essenzjali fl-appoġġ tar-reġjuni l-aktar milquta mit-tranżizzjoni.

L-ipprezzar tal-karbonju, bħal taħt l-EU ETS, qed inaqqas l-emissjonijiet filwaqt li jiġġenera dħul sinifikanti għall-Istati Membri biex jindirizzaw it-tibdil fil-klima u biex jappoġġaw dejjem aktar l-innovazzjoni industrijali u l-unitajiet domestiċi għal tranżizzjoni ġusta. Il-Fond Soċjali għall-Klima ffinanzjat mill-ETS, inklużi l-kontribuzzjonijiet obbligatorji tal-Istati Membri, se jimmobilizza EUR 87 biljun biex jappoġġa lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli, lill-utenti tat-trasport u lill-mikrointrapriżi. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma obbligati jonfqu d-dħul nazzjonali ġenerali tagħhom mill-ETS għal skopijiet ta' klima u enerġija, li jinkludu l-indirizzar tal-impatti soċjali tat-tranżizzjoni. Meta jintużaw b'mod effettiv, dawn il-fondi jistgħu jappoġġaw lin-nies permezz tat-tranżizzjoni u jkollhom impatt dejjiemi fuq il-kwalità tal-ħajja tagħhom. L-appoġġ se jkompli jkun meħtieġ wara l-2030, inkluż permezz ta' miżuri tal-Istati Membri u qafas imsaħħa ta' politika ta' tranżizzjoni ġusta.

3.3 Is-sistema enerġetika tal-UE

Soluzzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli, b'livell żero jew baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju

Is-soluzzjonijiet kollha tal-enerġija b'livell żero u baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (inklużi s-sorsi rinnovabbli, l-enerġija nukleari, l-effiċjenza enerġetika, il-ħżin, is-CCS, is-CCU, l-assorbimenti tal-karbonju, l-enerġija ġeotermali u l-idroenerġija, u t-teknoloġiji l-oħra kollha attwali u futuri tal-enerġija b'emissjonijiet żero netti) huma meħtieġa għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija sal-2040. L-enerġija solari u eolika se jiffurmaw il-maġġoranza l-kbira tas-soluzzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli. Il-Kummissjoni se ssegwi l-politiki tagħha biex tiżgura li tibda tintuża kull tip ta' enerġija rinnovabbli malajr kemm jista' jkun, u biex jiġi implimentati malajr ukoll is-soluzzjonijiet b'livell baxx u b'livell żero ta' emissjonijiet tal-karbonju, u hekk tkompli tiġi żviluppata l-effiċjenza enerġetika. Stabbiliet għadd ta' inizjattivi biex tħaffef il-passli bih jintużaw l-enerġiji rinovabbli, toħloq kundizzjoni abilitanti għall-industrija tal-enerġiji rinovabbli u tqawwi l-kompetittività tagħhom, bħal fil-każijiet tal-Alleanza PV Solari tal-UE u l-Karta dwar l-Enerġija mir-Riħ. L-elettrifikazzjoni ambizzjuża hija kruċjali u l-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri biex tkompli tiżviluppa grilji aktar intelliġenti, integrazzjoni tas-sistema, flessibilità tad-domanda u soluzzjonijiet ta' ħżin. L-għoti aċċellerat tal-permessi u l-kondiviżjoni transfruntiera tal-kostijiet se jħaffu l-iżvilupp ta' proġetti eoliċi lil hinn mill-kosta f'konformità mal-pjanijiet ta' azzjoni reċenti dwar ir-riħ u l-grilji.

Il-komunikazzjoni dwar il-Ġestjoni Industrijali tal-Karbonju tistabbilixxi pjan direzzjonali biex jintużaw it-teknoloġiji meħtieġa tas-CCS u tas-CCU għal setturi li diffiċli jitrażżnu, filwaqt li tenfasizza l-ħtieġa ta' qafas regolatorju f'oqsma bħall-injezzjoni u t-trasport tad-CO₂, bħala prekondizzjoni biex jinholq suq uniku għad-CO₂. Il-Kummissjoni qed tvara wkoll Alleanza Industrijali biex tiffaċilita l-kooperazzjoni tal-partijiet ikkonċernati fil-livell tal-UE biex taċċellera l-użu ta' Reatturi Modulari Żgħar (Small Modular Reactors, SMRs) u tiżgura katina tal-forniment tal-UE qawwija, inkluż ħaddiema tas-sengħa. Dan se jisfrutta l-kapaċitajiet tal-manifattura u tal-innovazzjoni tal-UE biex jiġi aċċellerat l-użu tal-ewwel proġetti SMR fl-UE sal-bidu tal-2030 skont l-ogħla standards ta' sikurezza nukleari, sostenibbiltà ambjentali, u kompetittività industrijali.

L-affordabbiltà tal-prezzijiet tal-enerġija hija kruċjali biex jiġi żgurat li l-benefiċċji tad-dekarbonizzazzjoni jitwasslu fl-ekonomija kollha. Il-prezzijiet tal-fjuwils fossili huma volatili u stabbiliti mis-swieq globali. Il-kostijiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli ilhom aktar minn għaxar snin konsistentement aktar baxxi minn daww iġġenerati mill-fjuwils fossili. Is-sostituzzjoni progressiva tal-ġenerazzjoni bil-fjuwils fossili minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, ikkomplementata minn adozzjoni effiċjenti ta' sorsi ta' flessibbiltà nadifa bħall-enerġija nukleari, u appoġġata minn implimentazzjoni sħiħa ta' disinn aġġornat tas-suq tal-elettriku, aktar integrazzjoni tas-sistemi tal-enerġija transfruntiera tal-UE (u extra-UE), u l-użu effiċjenti ta' sorsi ta' flessibbiltà nadifa, tista' tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-prezzijiet tal-elettriku bl-ingrossa. Ladarba l-fjuwils fossili jiġu spostati b'mod permanenti mit-taħlita tal-enerġija matul iż-żewġ deċennji li ġejjin u jsiru l-investimenti meħtieġa fil-grilji, fil-ħażniet u fil-batteriji, il-prezzijiet tal-enerġija jistgħu jibdwu jonqsu b'mod sinifikanti fl-UE. L-investimenti huma meħtieġa biex jiġu evitati ostakli fl-elettrifikazzjoni tal-ekonomija. Huwa kruċjali li jiġu żgurati għodod ta' finanzjament xierqa biex jiġu evitati l-investimenti meħtieġa biex jiżdiedu l-prezzijiet finali għall-konsumaturi u l-industrija. Sadanittant, il-promozzjoni u l-espansjoni tal-użu tal-PPAs se jgħinu biex jistabbilizzaw il-prezzijiet u jipproteġu lill-kumpaniji minn prezzijiet għoljin u volatili kkawżati mill-fjuwils fossili.

Madankollu, se jkunu meħtieġa politiki soċjali u industrijali komplementari biex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel mil-livelli attwali tal-prezzijiet tal-enerġija għal enerġija nadifa affordabbli. L-UE u l-Istati Membri jistgħu jipproteġu lill-unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx u b'introjtu medju minn żidiet kbar fil-prezzijiet tal-enerġija. Se jkun meħtieġ appoġġ imfassal apposta għall-industriji intensivi fl-enerġija biex jitnaqqas il-perjodu ta' tranżizzjoni meta jiffaċċjaw l-isfida doppja li jinvestu f'metodi ta' produzzjoni nodfa meta jkunu disponibbli, u li jlaħħqu mal-prezzijiet għoljin tal-enerġija. Bħala bidu, il-Fond għall-Innovazzjoni jqabbal l-appoġġ għall-innovazzjoni ma' soluzzjonijiet bħal dawn fil-forma ta' kuntratti għad-differenza għall-karbonju. It-tranżizzjoni se ġġib magħha sfidi ġodda, bħall-użu tal-art u tal-ilma. Is-soluzzjonijiet li minnhom igawdi kulħadd (il-bjut solari, l-agroPV, il-bijogass u l-bijometan mill-iskart u r-residwi organiċi) għandhom jingħataw prijorità, billi ċ-ċittadini jiġu involuti fid-deċiżjonijiet.

L-effiċjenza enerġetika u l-bini

Il-prinċipju “l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel” jibqa' prinċipju ta' politika ċentrali, u l-impatt tal-mira tal-effiċjenza enerġetika tal-2030 jestendi sal-2040. Dan se jingrana l-finanzjament privat fis-setturi kollha u jista' jiftaħ suq Ewropew għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika. Il-mudelli ta' negozju ċirkolari jnaqqsu l-konsum tal-enerġija u tar-riżorsi. Is-settur pubbliku, fil-livelli kollha, għandu jmxexxi bl-eżempju, inkluż permezz ta' akkwist pubbliku ekoloġiku li jqis il-kriterji ta' sostenibbiltà, u jipprovdi pjan ta' azzjoni biex jiffaċilita t-tranżizzjoni.

L-istokk tal-bini tal-UE jammonta għal 42 % tal-konsum finali tal-enerġija, aktar minn nofs il-konsum gross intern tal-gass naturali u madwar 35 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra relatati mal-enerġija. Madwar 80 % tal-konsum tal-enerġija fil-bini jirriżulta minn ħtiġijiet ta' tisħin u tkessi. L-ipprezzar tal-karbonju għall-fjuwils kollha, previst mill-2027, se jgħolli kundizzjonijiet ekwi għall-elettriku, u se jiġġenera dħul inkluż għall-Fond Soċjali għall-Klima li jista' jintuża għall-investimenti u l-finanzjament tar-riformi strutturali. Disinn

aġġornat tat-taxxa fuq l-enerġija jista' jkompli jaċċellera l-elettrifikazzjoni ekoloġika tal-istokk tal-bini u tas-sistema tal-enerġija.

L-elettrifikazzjoni, il-grilji u l-infrastruttura, l-integrazzjoni tas-sistema, il-ħżin, id-diġitalizzazzjoni u l-flessibbiltà

L-elettrifikazzjoni b'sistema tal-enerġija kompletament dekarbonizzata sal-2040 hija l-ixprun ewlieni tat-tranżizzjoni tal-enerġija. Is-sehem tal-elettriku fil-konsum finali tal-enerġija se jirdoppja minn 25 % illum għal madwar 50 % fl-2040. Il-valutazzjoni tal-impatt turi li l-enerġija rinnovabbli fil-maġġoranza tagħha ⁽²⁰⁾, ikkomplementata mill-enerġija nukleari ⁽²¹⁾, se tiġġenera aktar minn 90 % tal-konsum tal-elettriku fl-UE fl-2040 ⁽²²⁾.

Illum, il-gwadann annwali medju mis-suq integrat tal-elettriku għall-konsumaturi Ewropej huwa ta' madwar EUR 34 biljun fis-sena ⁽²³⁾. Ishma ogħla ta' enerġija rinnovabbli u l-elettrifikazzjoni se jirrikjedu investimenti sostanzjali fl-espansjoni tal-grilji tal-enerġija tal-UE fil-livell tad-distribuzzjoni u tat-trażmissjoni, kif ukoll fit-titjib għal grilji aktar intelliġenti u aktar flessibbli. Biex tiġi garantita l-flessibbiltà u s-sigurtà tal-provvista, se jkunu meħtieġa interkonnetturi ġodda u espansjoni tal-grilji tad-distribuzzjoni, faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija, provvista tal-enerġija konsenjabbli, soluzzjonijiet tas-suq tal-flessibbiltà, u akkoppjament tas-setturi. Il-Pjan ta' Azzjoni reċenti tal-UE dwar il-Grilja huwa l-ewwel pass, u l-implimentazzjoni rapida tiegħu għandha tibqa' prijorità għall-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-industrija bil-ħsieb li jintlaħqu l-miri tal-2030 u l-2040. Din l-esperjenza tista' twassal għal pjan ġenerali komprensiv biex jitħaffef l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-enerġija integrata Ewropea. Is-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastruttura kritika tal-enerġija huma prijorità ewlenija għal provvista tal-enerġija sigura u stabbli.

Il-konsumaturi għandhom jingħataw is-setgħa li jadattaw il-konsum tagħhom għall-kundizzjonijiet tas-suq. Id-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija, inkluża l-IA, hija kruċjali għal sorsi tal-enerġija aktar flessibbli ⁽²⁴⁾.

Aħna u nqisu dawn il-flussi ta' ħidma kollha, objettiv regolatorju ewlieni fil-livell tal-UE u dak nazzjonali se jkun dak li nevitaw li l-utenti finali jkollhom iħallsu tariffi eċċessivament għoljinminhabba l-investimenti inizjali li jkun saru fil-grilja u fl-elettrifikazzjoni.

Fjuwils fossili

Fl-2040, il-konsum tal-fjuwils fossili għall-enerġija jkun jonqos b'madwar 80 % meta mqabbel mal-2021. Il-faħam se jitneħħa gradwalment, filwaqt li ż-żejt fit-trasport (bit-triq,

⁽²⁰⁾ Inklużjoni tat-teknoloġiji ta' konverżjoni tal-bijoenerġija (eż. il-bijogass), flimkien ma' provvista sostenibbli tal-bijomassa.

⁽²¹⁾ L-analiżi hija bbażata fuq xenarji li jirriflettu l-politiki u l-miżuri sa Marzu 2023. L-Istati Membri se jippreżentaw il-Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima finali tagħhom fl-2024, li jistgħu jinkludu miżuri addizzjonali, li jirriflettu b'mod partikolari l-aktar annunċji reċenti minn xi Stati Membri biex iżidu d-disponibbiltà għall-użu tal-enerġija nukleari.

⁽²²⁾ L-10 % li jifdal jiġu kkompensati b'emissjonijiet negattivi jew fornuti b'soluzzjonijiet b'livell baxx ta' karbonju inkluż l-użu tal-qbid u l-ħżin tal-karbonju.

⁽²³⁾ ACER (2022). Valutazzjoni Finali tad-Disinn tas-Suq tal-Elettriku bl-Ingrossa tal-UE.

⁽²⁴⁾ Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni għad-Diġitalizzazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija.

marittimu u tal-avjazzjoni) ikun jirrappreżenta madwar 60 % tal-bqija tal-użi tal-enerġija tal-fjuwils fossili. L-użu li jifdal tal-gass naturali jinqasam bejn l-industrija, il-bini, u s-sistema tal-enerġija. F'konformità mal-impenn internazzjonali għat-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili, il-politiki għandhom jiżguraw li kwalunkwe kombustjoni tal-fjuwils fossili li jifdal tiġi akkoppjata malajr kemm jista' jkun mal-qbid (l-użu) u l-ħżin tal-karbonju. L-istruttura tas-suq tal-gass se tinbidel b'mod sinifikanti, bi rwol dejjem akbar għall-fjuwils likwidi u l-gassijiet b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u rinnovabbli. L-infrastruttura tal-gass se jkollha bżonn tadatta għall-produzzjoni deċentralizzata, u sehem sinifikanti tan-network taż-żejt u tal-gass jista' gradwalment jingħata skop ġdid għall-e-fjuwils, il-bijofjuwils avanzati u l-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. L-użi mhux tal-enerġija, bħall-materja prima għall-manifattura, jammontaw għal madwar terz tal-konsum tal-fjuwils fossili li jifdal. Is-sussidji ineffiċjenti għall-fjuwils fossili li ma jindirizzawx il-faqar enerġetiku jew it-tranżizzjoni ġusta jkun kellhom jitneħħew gradwalment sa dak iż-żmien.

3.4 Ftehim dwar id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija

Biex il-Patt Ekoloġiku Ewropew jirnexxi fl-għaxar snin li ġejjin, irid ikun hemm tikkumplementar — issa u fis-snin li ġejjin — aġenda Ewropea aktar soda u mġedda għall-industrija sostenibbli u l-kompetittività. Dan il-qafas ta' abilitazzjoni għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija se jibni fuq il-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku ⁽²⁵⁾. Li jinħolqu l-kundizzjonijiet qafas it-tajba għas-setturi kollha fl-ekonomija (inkluż l-aċċess għall-finanzi, il-ħiliet, l-enerġija affordabbli) huwa prekondizzjoni biex it-tranżizzjoni tirnexxi. Fl-istess ħin, hemm setturi ekonomiċi li, minħabba l-investiment inizjali fit-teknoloġiji nodfa u minħabba ambjent tas-suq diffiċli, jistħoqqilhom attenzjoni speċjali biex jadattaw il-proċessi ta' produzzjoni tagħhom sabiex jimplimentaw il-qafas tal-Patt Ekoloġiku. L-istess jgħodd għall-SMEs, li se jkollhom bżonn appoġġ iddedikat biex jaċċessaw il-finanzjament għal investimenti sostenibbli u biex jinnavigaw ir-regolamenti rilevanti tal-UE.

Is-suċċess fit-trasformazzjoni se jippermetti lill-UE żżomm is-saħħa industrijali tagħha f'setturi bħall-enerġija mir-riħ, l-enerġija idroelettrika, u l-elettrolizzaturi, fejn diġà għandha surplus kummerċjali, u tkompli żżid il-kapaċità tal-manifattura domestika f'setturi li qed jikbru bħall-batteriji, il-vetturi elettriċi, il-pompi tas-sħana, il-PV solari, is-CCU/CCS, it-teknoloġija għall-bijogass u l-bijometan sostenibbli, u l-ekonomija ċirkolari. L-iżvilupp ta' industriji domestiċi ekoloġiċi u ċirkolari b'saħħithom, kemm domestikament kif ukoll ma' sħab tal-istess fehma, se jsaħħaħ is-sostenibbiltà kompetittiva tal-UE, jimmultiplika l-opportunitajiet kummerċjali għall-kumpaniji, jiġġenera ekonomiji ta' skala, iwassal benefiċċji ikbar lill-ekonomija Ewropea, u jiġġenera impjiegi b'livell għoli ta' ħiliet biex jgħin u jiżgura li t-tranżizzjoni klimatika tkun soċjalment ġusta u inklużiva.

Il-kompetizzjoni globali għal teknoloġiji b'emissjonijiet żero u baxxi se tkun intensa. Ir-rikors kbir għas-sussidji pubbliċi u l-inizjattivi strateġiċi tal-kompetituri ewlenin tagħna qed ifixklu l-kummerċ ġust u ħieles. It-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti huma fil-qalba ta' interessi ġeostrateġiċi qawwija u ta' tellieqa teknoloġika dinjija. Fiċ-Ċina, l-ippjanar fit-tul, l-

⁽²⁵⁾ COM(2023) 62

integrazzjoni vertikali ta' setturi sħaħ, u s-sussidji pubbliċi naqqsu l-kostijiet, u wasslu biex iċ-Ċina tiddomina f'hafta ktajjen tal-provvista tat-teknoloġija nadifa, mill-materja prima sal-komponenti u l-prodotti finali. Fl-Istati Uniti, l-Att tal-Istati Uniti dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni jipprovdha inċentivi fiskali għall-investiment u l-produzzjoni fil-manifattura tat-teknoloġija nadifa. L-Ewropa qed tiegħu azzjoni biex tibqa' quddiem f'din it-tellieqa, billi tiffoka fuq il-punti b'saħħithom ewlenin tagħha u tiżgura sħubijiet ta' benefiċċju għal kulħadd ma' sħab tal-istess fehma. . Se tkompli tapplika l-istrumenti tagħha għad-difiża tal-kummerċ biex tipproteġi l-industrija minn importazzjonijiet kummerċjali inġusti u, b'riżultat ta' dan, tiżgura ktajjen tal-provvista reżiljenti. Is-saħħa tal-Ewropa tinsab, fost l-oħrajn, fl-istabbiltà tagħha, fil-politiki prevedibbli tagħha u fl-istorja twila tagħha li twassal soluzzjonijiet industrijali ta' kwalità għolja u innovattivi fis-swieq.

Qafas ta' abilitazzjoni għall-investiment u l-kompetittività fl-Ewropa....

Ambjent regolatorju u finanzjarju favorevoli jattira l-investiment u l-produzzjoni lejn l-Ewropa. L-Att dwar il-Materja Prima Kritika, ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli u l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti huma strumenti ewlenin biex tinkiseb awtonomija strateġika miftuħa, inkluż billi tiżdied il-produzzjoni domestika, jiġu stabbiliti sħubijiet ewlenin ma' sħab tal-istess fehma, jiġu applikati approċċi tal-ekonomija ċirkolari tul il-katina tal-valur, issir diversifikazzjoni, jiġu implimentati proġetti strateġiċi u billi jiġu ssimplifikati l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għat-teknoloġiji u l-infrastruttura. L-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti huwa pass konkret fil-ħolqien ta' argument kummerċjali industrijali għat-tranżizzjoni Ewropea lejn in-newtralità karbonika. Jindirizza s-suġġetti t-tajba billi jaċċellera b'mod sostanzjali l-għoti ta' permessi, jiffoka l-investimenti fir-R&D u l-aċċess għal skemi ta' finanzjament eżistenti tal-UE.

Il-politika industrijali għandha ssaħħaħ dawk is-setturi li huma meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika iżda li jistgħu jħabbtu wiċċhom ma' sfidi marbutin ma' din it-tranżizzjoni peress li huwa aktar diffiċli li jiġu dekarbonizzati, u għalhekk ifallu jekk ma jingħatawx attenzjoni u appoġġ immirati u kkundizzjonati. Eżempji jistgħu jinkludu alleanzi industrijali u raggruppamenti industrijali simbjotiċi, bħall-widien tal-idroġenu⁽²⁶⁾, fl-UE u l-viċinat tagħha. Tali raggruppamenti jgħinu lill-fornituri ta' teknoloġiji nodfa jżidu l-operazzjonijiet tagħhom, u jtejbju l-vijabbiltà kummerċjali tagħhom billi jfornu diversi offtakers industrijali fi ħdan raggruppament, filwaqt li l-industrija tal-manifattura tista' tiddekarbonizza l-operazzjonijiet tagħhom b'mod aktar effettiv u b'kost aktar baxx billi tiżgura aċċess għal teknoloġiji nodfa u tikkondividi l-kostijiet. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-ħolqien ta' swieq ewlenin għal teknoloġiji u prodotti nodfa fl-Ewropa li jinkludu, fost l-oħrajn, iċ-ċirkolarità, u prodotti b'bażi bijoloġika miksuba b'mod sostenibbli.

Barra minn hekk, huma meħtieġa strumenti ta' tranżizzjoni biex jappoġġjaw l-industriji qabel ma jsiru kummerċjalment vijabbli. Dan jeħtieġ riflessjoni komprensiva dwar l-elementi kollha: mit-tassazzjoni sal-aċċess għall-finanzi, mill-ħiliet sal-piżijiet regolatorji u l-kostijiet tal-enerġija sal-attivitàjiet tan-negozju ta' kuljum. F'dan il-kuntest, hija meħtieġa attenzjoni akbar u kontinwa biex ikun hemm ambjent regolatorju simplifikat għan-negozji kif ukoll

⁽²⁶⁾ <https://s3platform.jrc.ec.europa.eu/hydrogen-valleys>

impetu ġdid għal Suq Uniku reali li jneħħi ostakli regolatorji nazzjonali bla bżonn, speċjalment għal teknoloġiji ewlenin. Dan jippermetti lin-negozji jżidu s-soluzzjonijiet standard madwar l-Ewropa, u b'hekk jagħtu spinta lill-attrazzjoni ekonomika tagħhom għall-investituri li huwa element kruċjali biex l-aġenda tal-UE tinneksi fil-ġejjieni.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari wkoll lill-SMEs. Dawn huma xprunaturi tat-tranżizzjoni, vitali f'għadd ta' ktajjen tal-provvista u spiss jintlaqtu wkoll b'mod ġenerali minn bidliet fil-qafas ta' politika u dak regolatorju. Minħabba d-daqs aktar limitat tagħhom, u allura anki r-riżorsi tagħhom, jista' jkollhom bżonn appoġġ addizzjonali biex jadattaw, pereżempju, il-proċessi ta' produzzjoni tagħhom sabiex jimplimentaw il-qafas tal-Patt Ekoloġiku.

L-investment pubbliku jrid ikun immirat tajjeb, billi jkun hemm taħlita tajba u akkomunament ta' għotjiet, self, ekwità, garanziji, konsulenza u tipi oħra ta' appoġġ pubbliku fuq skala kbira b'mod li jkunu aċċessibbli bl-aktar mod rapidu u sempliċi. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), l-istrument fil-qalba tan-NextGenerationEU, se tkompli tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika. Il-Fond għall-Innovazzjoni, stmat li jammonta għal EUR 40 biljun sal-2030, jista' jkollu rwol kbir, inkluż permezz ta' strumenti kompetittivi ta' offerti fl-UE kollha u "irkantijiet bħala servizz" b'mod konġunt mal-Istati Membri. Il-garanzija baġitarja InvestEU mistennija timmobilizza aktar minn EUR 110 biljun ta' investment ekoloġiku li jibni fuq il-baġit tal-Unjoni flimkien mal-Grupp tal-BEI u riżorsi oħra tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni.

B'attenzjoni dovuta għall-industrija tal-manifattura dekarbonizzata u kompetittiva

L-elettrifikazzjoni, il-proċessi ta' produzzjoni adattati, il-fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u l-implimentazzjoni sħiħa tal-metodi biex jinqabdu l-emissjonijiet tal-proċessi industrijali se jippermettu lill-industrija tal-manifattura tnaqqas b'mod sinifikanti l-emissjonijiet tad-CO₂ sal-2040. L-EU ETS bil-prezz komuni tal-karbonju tagħha, tipprovdha għodda bbażata fuq is-suq għall-innovazzjoni bi prevedibbiltà fit-tul għall-emittenti ewlenin tal-Ewropa. Fil-każ ta' xi industrij, dan jimplika investment fi trasformazzjoni profonda tal-proċess tal-produzzjoni ⁽²⁷⁾. Il-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju huma soluzzjoni, fin-nuqqas ta' soluzzjonijiet oħra, għas-setturi li fihom diffiċli jitrażżan l-użu tal-enerġija, .

Il-kostijiet tal-enerġija huma kruċjali għall-kompetittività tal-industrija u b'mod partikolari l-Industrija Ewropej Intensivi fl-Enerġija ⁽²⁸⁾ u jistħoqqilhom attenzjoni partikolari b'politiki ddedikati biex jippermettu lil dawh li jaqilbu minn kmieni għall-enerġija nadifa biex

⁽²⁷⁾ Dan jinkludi l-elettrifikazzjoni u l-bidla għal fjuwils alternattivi (eż. idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, e-fjuwils jew bjoenerġija), raggruppamenti industrijali simbjotiċi, innovazzjoni fi proċessi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi, sostituzzjoni tal-materjali u mudelli ta' negozju ċirkolari.

⁽²⁸⁾ Skont l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija, id-dipendenza qawwija tal-UE fuq il-fjuwils fossili tesponi lill-EIIs Ewropej għal sehem oġġla tan-nefqu tal-enerġija fil-kost totali tal-produzzjoni mill-kompetituri fl-Istati Uniti jew fiċ-Ċina. Wara x-xokk enerġetiku tal-2021-2022 minħabba d-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili, *data* reċenti tissuġġerixxi li parti mit-tnaqqis fil-konsum tal-gass naturali kienet xprunata minn tnaqqis fil-produzzjoni industrijali, b'mod partikolari minn industrij intensivi fl-enerġija.

jibbenefikaw minn tranżizzjoni bla xkiel fil-prezzijiet tal-enerġija. Ibda biex, ir-Riforma tad-Disinn tas-Suq tal-Elettriku li ġiet adottata tagħmel il-kontijiet tal-enerġija tal-kumpaniji inqas dipendenti fuq il-prezz tas-suq fuq terminu qasir tal-elettriku. L-espansjoni ulterjuri tal-prinċipju tas-sostenibbiltà kompetittiva billi jiġu ppremjati l-kumpaniji Ewropej li jinvestu f'teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, inkluż permezz ta' proċessi ta' akkwist pubbliku jew permezz ta' riformi mmirati fir-regolamenti dwar l-aċċess għall-grilja tal-elettriku, se tkun kruċjali kemm biex tinholq b'żi tal-manifattura domestika b'saħħitha kif ukoll biex tinkiseb l-ambizzjoni klimatika.

... mibnija fuq ekonomija aktar ċirkolari u bijoekonomija sostenibbli

Il-Valutazzjoni tal-Impatt turi li sal-2040, l-ekonomija ċirkolari se ssir dejjem aktar importanti biex jinkisbu kemm l-ambizzjoni klimatika kif ukoll mudell ġdid ta' prosperità għall-Ewropa. Huwa essenzjali li l-azzjoni kontra t-tibdil fil-klima u kontra l-użu eċċessiv tar-riżorsi timxi flimkien ma' opportunitajiet ekonomiċi ġodda u ma' awtonomija akbar fl-UE. Dan jeżiġi l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari u jirrikjedi li tkompli tiġġedded l-iżmija mal-industrija biex l-aġenda ta' ekonomija ċirkolari tibqa' miexja.

Aġenda mġedda għall-ekonomija ċirkolari iġġib magħha benefiċċji ċari. Permezz tat-tiswija, ir-rinnovazzjoni, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' prodotti eżistenti u allura l-estensjoni tal-ħajja funzjonali tagħhom, ir-riżorsi jintużaw b'mod aktar effiċjenti fil-produzzjoni. Il-materja prima primarja tista' tiġi sostitwita b'materja prima sekondarja li hija inqas intensiva fil-karbonju. Il-materjali bbażati fuq il-fossili jistgħu jiġu sostitwiti wkoll b'materjali rinnovabbli b'bażi bijoloġika miksuba b'mod sostenibbli, jew materjali innovattivi oħra li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent. Dan huwa partikolarment il-każ f'setturi bħall-kostruzzjoni, il-kimika jew it-tessuti. L-investimenti fl-innovazzjoni materjali jeħtieġ li jissaħħu, inkluż biex jittejjbu l-ħiliet fis-settur bijoekonomiku.

Ekonomija ċirkolari aktar b'saħħitha toffri mudelli ta' negozju innovattivi li jissodisfaw il-preferenzi tal-konsumaturi li qed jevolvu u jaħtfu soluzzjonijiet diġitali. Pereżempju, mudelli ta' negozju ċirkolari bħall-"prodott bħala servizz" (PaaS), id-disinn ta' prodotti ċirkolari li jiżguraw l-użu mill-ġdid u t-tiswija, l-ekonomija kondiviża jew il-produzzjoni fuq talba jistgħu jnaqqsu l-kost ekonomiku tal-użu tal-enerġija u tal-materjal, u jerġgħu jittfegħu l-iskart lura fl-ekonomija bħala riżorsa b'valur ekonomiku. In-negozju ċirkolari jista' joħloq tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra f'setturi li diffiċli jitrażżnu. Eżempji jinkludu l-ambjent mibni permezz ta' ġestjoni aħjar tal-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni, l-industrija peżanti permezz ta' soluzzjonijiet ta' ġestjoni tal-materjali, ir-raggruppament ta' attivitajiet industrijali komplementari intensivi fir-riżorsi, it-trasport permezz ta' mobbiltà kondiviża u loġistika inversa, u s-settur tal-ikel. Fl-2021 kien hemm 4,3 miljun impjieg fis-setturi ekonomiċi marbuta mal-ekonomija ċirkolari, żieda ta' 11 % meta mqabbla mal-2015⁽²⁹⁾. It-tnaqqis tal-input tal-materjali permezz tal-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ għandu l-

⁽²⁹⁾ Eurostat (2023) Qafas ta' monitoraġġ tal-ekonomija ċirkolari tal-UE. Mejju 2023. Impjiegi diretti. Dawn iċ-ċifri ma jinkludux l-impjiegi fl-ekonomija ċirkolari meta tkun integrata f'setturi oħra.

potenzjal li jagħti spinta lit-tkabbir u joħloq għadd sinifikanti ta' impjiegi fl-UE, b'għarfien u ħiliet imtejba.

Billi titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet ta' materja prima kritika, u jitnaqqsu l-pressjoni ambjentali u r-riskji assoċjati mal-estrazzjoni u l-konsum tar-riżorsi naturali, iċ-ċirkolarità tista' tagħti spinta lis-sigurtà u l-awtonomija strateġika tal-UE.

Bi hteġa dejjem akbar għal ġestjoni industrijali tal-karbonju u assorbimenti tal-karbonju

Id-dekarbonizzazzjoni industrijali se jkollha tindirizza wkoll "l-emissjonijiet tal-proċessi industrijali" mhux relatati mal-kombustjoni tal-fjuwil. Għal dawn, il-qbid tal-karbonju jista' jkun soluzzjoni.

Il-mira tal-2040 tinvolvi użu aktar bikri tal-qbid tal-karbonju ⁽³⁰⁾. Parti minnha se tippermetti li jiġu ġġenerati assorbimenti industrijali tal-karbonju li jikkomplementaw l-assorbimenti bbażati fuq l-art u li jissekwestraw il-karbonju fil-bijomassa u fil-ħamrija biex jikkontribwixxu għat-tnaqqis ta' 90 % tal-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra.

Dan se jirrikjedi portafoll kbir ta' għażliet bħall-BioCCS ⁽³¹⁾, id-DACCS (Qbid Dirett mill-Arja bil-Ħżin tal-Karbonju) u possibbilment approċċi ġodda oħra. It-teknoloġiji tal-Qbid, l-Użu u l-Ħżin tal-Karbonju (CCUS) jippermettu d-dekarbonizzazzjoni tas-setturi industrijali mingħajr soluzzjonijiet alternattivi ta' dekarbonizzazzjoni billi jaħżnu l-karbonju permanentement taħt l-art jew fi prodotti, u billi jissostitwixxu l-karbonju fossili li bħalissa jintuża bħala materja prima f'diversi industrij b'karbonju mhux fossili. Bl-istess mod, l-iżvilupp ta' ktajjen tal-valur tad-CO₂ permezz tal-qbid u l-użu tal-karbonju (CCU), materjali b'bażi bijoloġika li ma jagħmlux ħsara lin-natura, u r-riċiklaġġ mekkaniku u kimiku lkoll jistgħu jagħtu spinta lill-iżvilupp ta' materja prima mhux fossili biex tissostitwixxi l-fjuwils fossili fi prodotti bbażati fuq il-karbonju. Il-qbid tal-karbonju se jibqa' importanti wkoll biex jintlaħqu emissjonijiet żero netti sal-2050 u l-emissjonijiet negattivi assoluti minn hemm 'il quddiem. Dan jitlob, fost l-oħrajn, valutazzjoni kontinwa ta' kif l-aħjar jiġu pprovduti inċentivi għall-assorbimenti industrijali tal-karbonju fil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE jew permezz ta' strumenti ġodda, kemm jekk bid-Direttiva dwar l-ETS li se tiġi rieżaminata fl-2026 jew bi strumenti ddedikati. Sabiex jiġu sfruttati l-opportunitajiet ekonomiċi ta' dawn it-teknoloġiji, jibqa' kruċjali li jiġu żviluppati għalihom ktajjen tal-valur kompluti. Huwa għalhekk li flimkien ma' din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni qed tippreżenta Komunikazzjoni dwar il-Ġestjoni tal-Karbonju Industrijali ddedikata bi strateġija għall-qafas ta' politika, aktar innovazzjoni u investimenti biex jiġi sfruttat dan il-potenzjal. Se jkun meħtieġ aktar investiment pubbliku biex jiżdiedu r-riċerka u l-innovazzjoni għal din l-industrija emerġenti. L-assorbimenti industrijali tal-karbonju ma jissostitwixxux, iżda jikkomplementaw, l-assorbimenti tal-karbonju naturali, li jibqgħu essenzjali biex tintlaħaq il-mira klimatika.

⁽³⁰⁾ "Il-qbid tal-karbonju" jinkludi l-karbonju maqbud mill-proċessi industrijali, il-produzzjoni tal-enerġija u tas-sħana, it-titjib tal-bijogass u l-qbid dirett mill-arja.

⁽³¹⁾ Il-qbid u l-ħżin tal-karbonju tal-emissjonijiet tad-CO₂ bijoġeniku oriġinaw mill-kombustjoni tal-bijomassa għall-produzzjoni tal-enerġija (BECCS) jew mill-ipproċessar tal-bijomassa f'applikazzjonijiet industrijali.

Dwar kundizzjonijiet ekwi globali

It-tranżizzjoni tirnexxi biss jekk l-Ewropa tibqa' ekonomija sovrana u reżiljenti li tiddiversifika s-sorsi tal-provvista tagħha u li tkun reżiljenti għat-tfixkil fil-provvista, il-volatilità tal-prezzijiet u xokkijiet oħra. Hi u tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili importati, l-UE trid tiegħu deċiżjonijiet strateġiċi biex ma jinħolqux vulnerabbiltajiet ġodda permezz tal-importazzjonijiet tagħha ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti jew komoditajiet tal-enerġija b'emissjonijiet baxxi.

Flimkien mal-isforzi biex jinħolqu ktajjen tal-valur għal teknoloġiji ewlenin fil-kontinent tagħna stess, l-UE jeħtiġilha tavviċina b'mod strateġiku s-swieq globali, biex tiżgura aċċess għal komoditajiet strateġiċi inkluża materja prima kritika bi prezzijiet affordabbli. L-UE għandha wkoll tisfrutta l-aktar element b'saħħtu tagħha, is-Suq Uniku, permezz ta' strumenti ta' xiri konġunt u billi tippermetti lill-atturi industrijali jinvolvu ruħhom f'diversi mudelli ta' kooperazzjoni biex b'mod konġunt jinnegożjaw kundizzjonijiet aħjar, inklużi prezzijiet minn produttori globali b'salvagwardji importanti biex jinkoraġġixxu t-trasferiment tal-benefiċċji lill-utenti finali u billi tinvolvi anki l-kumpaniji żgħar. B'mod parallel, l-UE għandha tiżgura kooperazzjoni u kummerċ globali biex tappoġġa s-sostenibbiltà. L-UE għandha trawwem l-iżvilupp ta' standards internazzjonali fix-xena globali, filwaqt li tibni fuq l-istandards tal-UE bħala sors tal-aħjar prattiki.

Peress li l-UE hija protagonista fid-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tagħha, huma meħtieġa miżuri addizzjonali biex tiġi żgurata l-kompetittività tal-esportazzjonijiet Ewropej fis-swieq globali. Il-kundizzjonijiet ekwi għan-negożji fl-Ewropa u globalment jinħolqu tassew meta pajjiżi oħra jadottaw ipprezzar tal-karbonju għalihom, li jikkontribwixxi wkoll għal żieda fl-ambizzjoni klimatika globali.

3.5 Id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport u t-titjib tal-mobbiltà

Fis-settur tat-trasport, l-implimentazzjoni tal-miżuri “Lesti għall-mira ta' 55 %”, li jikkombinaw is-soluzzjonijiet teknoloġiċi mal-ipprezzar tal-karbonju, kif ukoll sistema tat-trasport multimodali effiċjenti u interkonnessa, kemm għall-passiġġieri kif ukoll għall-merkanzija, se jippermettu li l-emissjonijiet jonqsu b'madwar 80 % fl-2040 meta mqabbla mal-2015.

Id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport b'mod li jkompli jiżgura l-affordabbiltà u l-aċċessibbiltà se tirrikjedi investimenti sinifikanti kemm f'assi ġodda (vetturi, inġenji tal-ajru, bastimenti, tagħmir ferrovjarju b'emissjonijiet żero u baxxi) kif ukoll fl-infrastruttura għar-riforniment u l-irriċarġjar. Fl-istess ħin, il-kostijiet tal-fjuwil rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jeħtieġ ma jiġux sottovalutati, u jibqgħu fattur ewleni għall-kompetittività tal-operaturi tat-trasport, b'mod partikolari fis-setturi marittimi u tal-avjazzjoni. L-iżgurar li ssir disponibbli materja prima suffiċjenti ta' fjuwils alternattivi sostenibbli permezz ta' miżuri ddedikati, u anki regolatorji fejn meħtieġ, huwa kruċjali biex tintlaħaq l-ambizzjoni stabbilita b'mod kosteffettiv. Fir-rigward ta' setturi oħra, il-ħtiġijiet ta' investment assoċjati fit-trasport jistħoqqilhom diskussjoni mal-Istati Membri, il-Bank Ewropew tal-Investment u l-istituzzjonijiet finanzjarji dwar kif għodod ta' finanzjament innovattivi tal-UE jistgħu jnaqqsu r-riskju ta' investimenti strateġiċi b'mod teknoloġikament newtrali għall-ekonomija Ewropea.

L-emissjonijiet projettati jvarjaw ħafna bejn il-modi tat-trasport. It-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-CO₂ mit-trasport bit-triq se jaċċellera maż-żmien u se jwassal għal kwalità tal-arja ferm aħjar fil-bliet billi jibdwu jintużaw il-vetturi b'emissjonijiet żero misjuqa skont l-istandards dwar iad-CO₂, tant li l-elettrifikazzjoni tas-settur matul il-perjodu 2031-2040 se tikber b'aktar minn erba' darbiet. L-ishma ta' vetturi elettriċi bil-batterija u vetturi oħra b'emissjonijiet żero huma mistennija jgħiddu aktar minn 60 % għall-karozzi, aktar minn 40 % għall-vannijiet u kważi 40 % għall-vetturi tqal ⁽³²⁾ sal-2040. Din it-trasformazzjoni hija opportunità kompleta tal-politika industrijali għal settur vitali għall-ekonomija tal-UE, permezz ta' investimenti fl-infrastruttura u l-integrazzjoni sħiħa tas-settur fil-grilja tal-elettriku, l-iżvilupp ta' ktajjen tal-provvista tal-materja prima kritika u l-iżvilupp ta' forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati. Lil hinn mill-istandards tad-CO₂, l-ipprezzar tal-karbonju u l-politiki aġġornati dwar il-fjuwil se jippermettu d-dekarbonizzazzjoni tal-istokk tal-vetturi eżistenti li diġà jinsabu fit-toroq li jikkostitwixxu l-flotta l-antika.

L-emissjonijiet tat-trasport marittimu u bl-ajru se jitnaqqsu permezz tal-effetti kkombinati tal-miżuri "Lesti għall-mira ta' 55 %". Dan jinkludi l-kisba tal-miri stabbiliti fil-FuelEU Maritime ⁽³³⁾ u ReFuelEU aviation⁽³⁴⁾, li jixprunaw l-użu mifrux ta' fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u ta' inġenji tal-ajru u bastimenti b'emissjonijiet żero. Permezz tal-ETS, l-UE hija l-ewwel ġurisdizzjoni li tpoġġi prezz espliċitu tal-karbonju fuq l-emissjonijiet minn dawn is-setturi. Dan se jstimula u jiġġenera dħul biex tithaffet l-adozzjoni fuq skala kbira ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero, fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u soluzzjonijiet ta' effiċjenza enerġetika fl-avjazzjoni u t-tbahir. Pereżempju, il-Kummissjoni se torganizza sejħiet għal proposti b'suġġetti ddedikati għas-settur marittimu taħt il-Fond għall-Innovazzjoni, kif diġà ttabbar.

Kif maqbul fl-2023, fl-2026 il-Kummissjoni se tivvaluta estensjoni tal-ipprezzar tal-karbonju għas-setturi tal-avjazzjoni u dawk marittimi ⁽³⁵⁾. L-indirizzar tal-ostakli għall-użu ta' fjuwils alternattivi b'emissjonijiet baxxi u żero (inklużi l-e-fjuwils u l-bijofjuwils avanzati) fl-avjazzjoni u fit-trasport marittimu u l-ġoti ta' aċċess prijoritarju għal dawn il-fjuwils fuq setturi li għandhom aċċess għal soluzzjonijiet oħra ta' dekarbonizzazzjoni, bħall-elettrifikazzjoni diretta, se jippermetti lil dawn is-setturi jikkontribwixxu għall-oġġettivi klimatiċi tal-UE u għall-aġenda klimatika globali ⁽³⁶⁾. B'dan il-mod, l-impatti klimatiċi sħaħ tal-avjazzjoni jeħtieġ jiġu kkunsidrati kif xieraq, f'konformità mal-aħħar sejbiet xjentifiċi, u se tiġi stabbilita sistema għal-linji tal-ajru biex jimmonitorjaw, jirrapportaw u jivverifikaw l-emissjonijiet mhux tad-CO₂ u l-effetti klimatiċi tal-avjazzjoni.

⁽³²⁾ inklużi trakkijiet, xarabanks u kowċis.

⁽³³⁾ Ir-Regolament (UE) 2023/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-użu ta' karburanti rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-trasport marittimu, u li jemenda d-Direttiva 2009/16/KE

⁽³⁴⁾ Ir-Regolament (UE) 2023/2405 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar l-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwi għal transport bl-ajru sostenibbli (ReFuelEU Aviation)

⁽³⁵⁾ Eż. biex jiġu koperti l-avjazzjoni kummerċjali u l-bastimenti ta' inqas minn 5000 TG esklużi.

⁽³⁶⁾ Inkluż biex tiġi ssodisfata l-Istrateġija tal-OMI dwar it-Tnaqqis tal-Emissjonijiet ta' gassijiet serra (gassijiet serra żero netti fl-2050 jew qribha, b'punti ta' kontroll indikattivi ta' mill-inqas 70 % bi stinkar għal 80 % meta mqabbla mal-2008 sal-2040).

Se jkunu meħtieġa investimenti sinifikanti fis-sistema tal-enerġija biex il-fjuwils fossili jiġu sostitwiti bi fjuwils rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju meħtieġa biex jiġihaddem is-settur tat-trasport. L-iżgurar li ssir disponibbli materja prima suffiċjenti ta' fjuwils alternattivi sostenibbli permezz ta' miżuri ddedikati huwa kruċjali biex tintlaħaq l-ambizzjoni stabbilita.

Użu akbar tal-ferroviji bis-saħħa ta' użu akbar tal-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja, u sistema tat-trasport multimodali effiċjenti u interkonnessa kemm għall-passiġġieri kif ukoll għall-merkanzija appoġġata min-*Network Trans-Ewropew* tat-Trasport multimodali, jistgħu għalhekk ikunu kontributuri sinifikanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ġenerali. L-użu mifrux ta' mudelli differenti bbażati fuq il-mobbiltà bħala servizz, multimodalità, soluzzjonijiet diġitali u loġistika ekoloġika ottimizzata (eż. għall-merkanzija) se jimmodernizza u jiddekarbonizza s-settur tat-trasport. Il-promozzjoni ta' mobbiltà urbana sostenibbli u affordabbli, inkluż permezz ta' ppjanar urban adegwat, se tkun importanti biex tippermetti aktar trasport pubbliku, mobbiltà attiva (jiġifieri, mixi u ċikliżmu) għal vjaġġi fuq distanzi qosra, b'benefiċċji kemm għall-klima kif ukoll għal saħħet in-nies.

3.6 L-art, l-ikel u l-bijoeconomija

L-iżgurar ta' produzzjoni tal-ikel newtrali għall-klima u t-tisħiħ tas-setturi tal-bijoeconomija

L-iżgurar ta' produzzjoni tal-ikel suffiċjenti, affordabbli u ta' kwalità fl-Ewropa huwa ta' importanza strateġika. Fl-istess ħin, il-bdiewa u l-forestiera Ewropej joffru diversi servizzi vitali għas-soċjetà, l-ambjent u l-ekonomija tal-UE. Dawn jiżguraw il-produzzjoni tal-ikel primarju u tal-materjali b'bażi bijoloġika, huma fil-qalba tal-bijoeconomija u tal-ktajjen tal-valur tas-sistema tal-ikel u għandhom rwol vitali fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel. Bħala ġestjonarji tal-art, huma essenzjali wkoll biex jiġu żgurati servizzi tal-ekosistema bħall-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità, l-assorbimenti tal-karbonju jew l-adattament għat-tibdil fil-klima.

Bħas-setturi l-oħra kollha, l-attivitajiet agrikoli għandhom rwol importanti fil-kisba tal-ambizzjoni klimatika tal-UE għall-2040, filwaqt li jikkontribwixxu għas-sovranià tal-ikel tal-UE. Strateġiji tajbin ta' politika, bħal li tingħata spinta lid-disponibbiltà ta' alternattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju ⁽³⁷⁾ u applikazzjonijiet ċirkolari, bħal renure ⁽³⁸⁾, bappoġġ xieraq biex jiġu indirizzati l-kompromessi u jitnaqqsu l-kostijiet, juru l-potenzjal li jikkontribwixxu għal soluzzjonijiet. Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni għażlet li tistabbilixxi Djalogu Strateġiku dwar il-futur tal-agrikoltura tal-UE sabiex flimkien issawwar it-tranżizzjoni, u impenjat ruħha li tintensifika d-djalogu wkoll mas-sidien tal-foresti u partijiet ikkonċernati oħra tal-foresti. Dan id-djalogu se jindirizza kwistjonijiet bħall-għajxien vijabbli, it-tnaqqis tal-piżijiet u l-iżgurar ta' produzzjoni tal-ikel kompetittiva u sostenibbli fil-futur. Minħabba li hija fost l-aktar produttori globali effiċjenti tal-ikel f'termini ta'

⁽³⁷⁾ It-teknoloġiji ta' mitigazzjoni bħat-tnissil selettiv, effiċjenza tal-għalf ottimizzata u ġestjoni mtejbja tad-demel jistgħu jnaqqsu l-emissjonijiet tal-metan mill-bhejjem. Il-biedja ta' preċizzjoni u l-effiċjenza mtejbja tal-fertilizzanti jistgħu jnaqqsu l-emissjonijiet tal-ossidu nitruż.

⁽³⁸⁾ Nitroġenu rkuprat mid-demel

emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG), l-UE għandha taħdem ukoll biex tipprevjeni l-kompetizzjoni inġusta u tiżgura kundizzjonijiet ekwi ma' produtturi mhux tal-UE, b'mod partikolari permezz ta' ftehimiet kummerċjali.

Il-materjali b'bażi bijoloġika li jinkisbu b'mod sostenibbli jistgħu mhux biss jaħżnu l-karbonju fuq perjodi twal (eż., jekk l-injam jintuża bħala materjal tal-kostruzzjoni) iżda wkoll jissostitwixxu l-materjali bbażati fuq il-fossili, u b'dan il-mod is-setturi tal-art jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni ta' setturi oħra. Ġestjoni aktar effiċjenti fir-riżorsi u favur il-bijodiversità tas-settur tal-art se żżid ukoll ir-reżiljenza għall-impatti tat-tibdil fil-klima, ittejjeb il-fertilità tal-ħamrija u tipproteġi u tirrestawra n-natura, filwaqt li ġġib magħha soluzzjonijiet ta' benefiċċju għal kulħadd għas-sigurtà tal-ikel u l-produttività tal-art. Anki fil-każ tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, fi Frar 2023 il-Kummissjoni pproponiet miżuri biex dan isir newtrali għall-klima sal-2050, billi jtejjeb l-effiċjenza fl-użu tal-fjuwil u jaqleb għal sorsi tal-enerġija rinnovabbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju ⁽³⁹⁾.

Apparti minn dan, il-politiki li jindirizzaw is-settur tal-ikel b'mod olistiku huma aktar effiċjenti milli wieħed iħares lejn is-setturi tal-biedja u tas-sajd f'iżolament, minħabba li ħafna deċiżjonijiet b'potenzjal kbir ta' mitigazzjoni jittieħdu barra mill-bieb tal-azjenda agrikola: il-kompożizzjoni kimika tal-fertilizzanti, l-użu ċirkolari tal-iskart tal-ikel (residwi tal-għelejjel, demel, prodotti sekondarji tas-sajd), it-tnaqqis tal-iskart tal-ikel fl-istadji tal-manifattura u tal-bejgħ bl-imnut, l-għażla tal-ingredjenti għall-prodotti tal-ikel manifatturati, u l-għażliet tad-dieta tal-konsumaturi. Approċċ tas-settur tal-ikel kollu kemm hu huwa wkoll l-aħjar mod biex il-bdiewa jingħataw perspettiva ta' qligħ solidu u ġust mill-prodott tagħhom.

L-industrija tal-ikel għandha rwol importanti biex tiggwida d-deċiżjonijiet tal-produtturi u tal-konsumaturi. Jenħtieġ li tirċievi l-inċentivi t-tajba biex takkwista ingredjenti tal-ikel aktar sostenibbli u tikkontribwixxi għal ambjent tal-ikel li jagħmel dieti aktar tajbin għas-saħħa għażla aċċessibbli u affordabbli għall-konsumaturi ⁽⁴⁰⁾. Il-Politika Agrikola Komuni tipprovdi għodod essenzjali biex tappoġġa t-tranżizzjoni tas-settur tal-biedja lejn prattiki u mudelli ta' negozju sostenibbli ġodda. B'mod partikolari, l-azjendi agrikoli diversi u tal-familja u daww li jikkombinaw il-produzzjoni tal-għelejjel u tal-annimali huma s-sinsla tal-biedja tal-UE u jeħtieġ ikunu akkumpanjati fit-tranżizzjoni lejn settur tal-art newtrali għall-klima, filwaqt li titqies id-dimensjoni soċjali, ambjentali u ekonomika tiegħu.

Barra minn hekk, huwa kruċjali li jinħolqu aktar opportunitajiet ta' negozju għal katina tal-valur agroalimentari sostenibbli u li jiġu mobilizzati fondi privati f'sinerġija mal-finanzjament pubbliku. Dan jista' jsir b'mekkaniżmi ġodda bbażati fuq is-suq biex tingħata spinta lill-ikel sostenibbli, peress li dan jista' jirriżulta kemm fi prezz tal-ikel aħjar biex jirrifletti s-sostenibbiltà kif ukoll għal premju ġust għall-bdiewa u sors ġdid ta' finanzjament għall-investimenti. Hija biss il-koordinazzjoni soda mal-atturi industrijali kollha fil-katina tal-valur tal-ikel kollha u l-enfasi fuq prattiki kummerċjali ġusti tul dik il-katina li jistgħu

⁽³⁹⁾ [Il-Politika Komuni tas-Sajd tal-lum u ta' għada: Patt għas-Sajd u l-Oċeani lejn ġestjoni tas-sajd sostenibbli, msejsa fuq ix-xjenza, innovattiva u inklussikva - il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

⁽⁴⁰⁾ COM(2020) 381 final

jisfruttaw l-inċentivi t-tajba għal prattiki tal-biedja sostenibbli, jiżguraw introjtu deċenti u sostenibbli għall-bdiewa u jiġġeneraw dħul biex jappoġġaw it-tranżizzjoni. u.

Bis-saħħa tal-avvanzi fit-teknoloġiji ta' monitoraġġ diġitali u fis-servizzi konsultattivi, il-bdiewa u l-forestiera se jkunu jistgħu jikkwantifikaw il-bilanċ tal-gassijiet serra tagħhom bl-użu ta' metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni affidabbli u armonizzati ⁽⁴¹⁾. Approċċi bħas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola jippermettu li azzjoni klimatika ċċertifikata tiġi ppremjata b'mod xieraq permezz ta' kuntratti bbażati fuq ir-riżultati ma' atturi oħra fil-katina tal-valur jew permezz ta' appoġġ pubbliku. Il-biedja ta' preċiżjoni hija waħda mill-għodod importanti biex nibnu fuq dawn il-kisbiet, li tippermetti lill-bdiewa jagħmlu użu aħjar mill-ħamrija tagħhom u minn assi naturali oħra, għall-benefiċċju tal-klima u l-ambjent.

Fl-aħħar nett, peress li l-karbonju mill-fjuwils fossili qed jitneħħa gradwalment mill-ekonomija tal-UE, il-bdiewa, il-forestiera u s-sajjieda se jkollhom opportunitajiet ġodda ta' negozju biex iwasslu bijomassa u materjali b'bażi bijoloġika b'mod sostenibbli għal użi differenti fil-bijoekonomija, inkluż fl-industrija, fil-konstruzzjoni, fil-kimika, fl-enerġija jew fil-mobbiltà. L-użu aktar mifruż tar-residwi u l-iskart tal-bijomassa, tal-bijofjuwils avvanzati, tat-teknoloġiji tal-BECCS, u tal-prodotti b'bażi bijoloġika jeħtieġ li jkun akkumpanjat minn regoli ċari li jippromwovu s-sostenibbiltà u jqisu l-impatti fuq id-daqs tal-bjar tal-karbonju naturali fis-settur tal-LULUCF.

Ekosistemi b'saħħithom, użu sostenibbli tal-art, natura u bijodiversità

Il-mira għall-2040 u l-perkors ċar mill-2030 sal-2050 għandhom jisfruttaw u jinkoraġġixxu s-sinerġiji bejn in-newtralità klimatika, il-bijodiversità u objettivi ambjentali oħra.

It-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u ż-żieda fl-assorbimenti tal-karbonju jistgħu jtejbu r-reżiljenza u l-bijodiversità, filwaqt li n-natura u l-bijodiversità b'saħħithom huma essenzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza għalih. Iż-żoni suxxettibbli għan-nirien mistennija jespandu madwar l-Ewropa minħabba t-tibdil fil-klima, li jheddu l-bjar tal-karbonju u l-bijodiversità. L-ekosistemi tal-ilma huma vulnerabbli ħafna għat-tibdil fil-klima. Il-livelli għoljin tal-ożonu, u t-tniġġis tal-arja jagħmlu ħsara lill-foresti, lill-ekosistemi u lill-għelejjel, filwaqt li jnaqqsu l-potenzjal għall-assorbimenti u l-adattament tal-karbonju.

Minħabba l-intensifikazzjoni tal-kompetizzjoni għall-art u l-ilma, jistgħu jitfasslu politiki li jiżguraw il-produzzjoni u l-konsum sostenibbli u effiċjenti tal-ilma, tal-ikel, tal-materjali u tal-bijoenerġija. Il-bijoenerġija jeħtieġ li tingħata prijorità f'setturi fejn il-potenzjal għall-elettrifikazzjoni huwa limitat, bħat-trasport bl-ajru jew marittimu.

3.7 Ninvestu fil-futur tagħna

⁽⁴¹⁾ COM(2021) 800 final. Il-Komunikazzjoni dwar iċ-Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli ħabbret objettiv li, sal-2028, kull ġestjonarju tal-art jeħtieġ ikollu aċċess għal *data* vverifikata dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti biex ikun jista' jsir użu wiesa' tas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola. Fl-2022, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbiment tal-karbonju, li bħalissa jinsab fi proċedura ta' koleġiżlazzjoni.

Aġenda komprensiva ta' investment

F'kuntest ta' kompetizzjoni globali intensa ħafna biex tattira l-investment, l-UE teħtieġ inizzjattiva politika u finanzjarja sinifikanti biex tattira u timmobilizza l-investment privat fi ħdan il-fruntieri tagħha u ambjent li jippermetti lis-settur privat jinvesti barra mill-fruntieri tal-UE.

L-UE għandha bażi soda fuq ixi tibni. Il-qafas ta' finanzjament sostenibbli tal-UE diġà għen biex tissaħħaħ it-trasparenza tad-deċiżjonijiet kummerċjali tal-korporattivi u biex jiżdied il-kontribut tas-settur finanzjarju għat-tranżizzjoni. Dan il-qafas se jkompli jiġi ffinalizzat u żviluppat għall-ħtiġijiet ta' aktar atturi, inklużi dawk fi stadji aktar bikrija tat-tranżizzjoni, sabiex jiġi massimizzat l-impatt tiegħu. Madankollu, it-tranżizzjoni mhux se tinkiseb permezz tal-prevedibbiltà u r-regolamentazzjoni biss; l-Ewropa trid issir aktar attraenti għall-investment privat. Jekk xejn, l-Unjoni tas-Swieq Kapitali tal-UE trid tiġi approfondita biex jiġi sfruttat il-potenzjal ta' EUR 470 biljun f'finanzjament privat annwali għall-kumpaniji fl-istadji kollha tal-iżvilupp tagħhom, inkluż kapital ta' riskju mmirat biex jintlaħqu l-oġettivi tas-sostenibbiltà tal-UE u investimenti sostenibbli fit-tul għat-tranżizzjoni klimatika ⁽⁴²⁾.

Iż-żieda fl-impatt titlob kapaċità aktar b'saħħitha u strateġika biex jiġu identifikati u ffaċilitati opportunitajiet u proġetti ġodda ta' investment f'setturi bl-akbar impatti. Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-industrija jridu jaħdmu b'mod konġunt biex joħolqu każ ta' negozju għall-mudelli kummerċjali l-ġodda f'setturi ewlenin tal-ekonomija meħtieġa għat-tranżizzjoni u b'mod partikolari fit-teknoloġija nadifa u fl-industriji intensivi fl-enerġija dekarbonizzati u fl-agrikoltura. L-isforzi dwar ambjent regolatorju simplifikat u Suq Uniku veru għan-negozji jgħinu f'dan ir-rigward.

L-appoġġ tas-settur pubbliku u l-investment dirett għandhom jiġu implimentati b'mod strateġiku, anke billi jiġu massimizzati u kkonċentrati fil-bidu r-riżorsi eżistenti b'akkomunament ta' finanzjament fuq skala kbira, biex ikun aċċessibbli bl-aktar mod rapidu u sempliċi possibbli u jiġu ffaċilitati s-sinerġiji bejn strumenti differenti. Il-koordinazzjoni bejn l-azzjonijiet fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri hija kruċjali biex jiġi massimizzat l-impatt tal-inizzjattivi ta' finanzjament, b'azzjonijiet fil-livell tal-UE li jipprovdu qafas biex jiġu ottimizzati l-politiki u jiġu mobilizzati r-riżorsi finanzjarji, filwaqt li l-Istati Membri jfasslu inizzjattivi għal ħtiġijiet reġjonali u nazzjonali speċifiċi f'konformità mal-qafas tal-Għajnuna mill-Istat. Il-Pjattaforma Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP) proposta, pereżempju, għandha l-għan li ttejjeb il-koordinazzjoni tal-finanzjament biex tkompli tingrana l-investimenti strateġiċi fit-teknoloġija nadifa u l-bijoteknoloġija.

Minn perspettiva tas-settur pubbliku, id-diversifikazzjoni tax-xenarju finanzjarju bl-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi u għotjiet immirati hija kruċjali biex jiġi attirat il-kapital privat u biex jintlaħqu l-miri tal-investment. Hemm ħtieġa ċara ta' użu aktar effiċjenti u

⁽⁴²⁾ Rapport reċenti tal-grupp ta' riflessjoni ssuġġerixxa li l-kumpaniji fl-UE jistgħu jiġbru EUR 470 biljun addizzjonali f'finanzjament kull sena mis-swieq kapitali. Ara [A renewed vision for EU capital markets \(New Financial\)](#), Jannar 2024.

mfassal apposta tar-riżorsi finanzjarji pubbliċi, u l-użu ta' prodotti finanzjarji u t-taħlit ta' sorsi finanzjarji biex jikkatalizzaw u jnaqqsu r-riskji tal-investimenti privati.

L-għotjiet għandhom jintużaw biss b'mod strateġiku biex jappoġġaw proġetti fi stadju bikri b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju bħall-enerġija rinnovabbli, fis-settur industrijali, u proġetti oħra, fejn il-proġetti ma jkollhomx vijabbiltà kummerċjali, l-investment privat għadu jibda u huwa diffiċli li jsiru investimenti fis-suq. Għal proġetti maturi bi flussi ta' dħul ippruvati, l-istrumenti finanzjarji orjentati lejn is-suq, bħall-finanzjament tad-dejn u tal-ekwità, jista' jkollhom rwol ċentrali. Dawn l-istrumenti jistgħu jintużaw ukoll għal proġetti li huma l-ewwel tat-tip tagħhom jew rivoluzzjonarji b'riskju għoli fil-forma ta' finanzjament b'impatt jew dejn ta' riskju. Ir-rwol tal-Grupp tal-BEI u ta' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u pubbliċi oħra huwa kritiku biex jimmobilizzaw l-investimenti privati, speċjalment biex jitnaqqsu r-riskji tal-proġetti, bħal dawk marbutin mal-materja prima kritika, u biex jiżblukkaw l-investimenti fl-infrastruttura, jipprovdu skadenzi itwal u ammonti akbar, kif ukoll jipprovdu l-effett ta' sinjalar lil parteċipazzjonijiet oħra fis-suq.

B'mod ġenerali, fis-snin li ġejjin se jkun meħtieġ approċċ Ewropew dwar il-finanzi, b'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, il-Bank Ewropew tal-Investment u l-istituzzjonijiet finanzjarji biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-Suq Uniku kollu. Minħabba l-isfidi biex jiġihaffef l-użu ta' teknoloġiji b'emissjonijiet zero netti, l-intervent fil-livell tal-Unjoni jgħin biex jikkoordina r-risponsi fl-Istati Membri.

Il-kontrogaranziya reċenti tal-Bank Ewropew tal-Investment ta' EUR 5 biljun għal proġetti tal-enerġija mir-riħ, pereżempju, hija mistennija tiġġenera EUR 80 biljun f'investment. Dan juri l-mertu ta' diskussjoni mal-Istati Membri dwar kif tali għodod innovattivi ta' finanzjament tal-UE jistgħu jnaqqsu r-riskji assoċjati ma' investimenti strateġiċi deċiżivi b'mod teknoloġikament newtrali fl-ekonomija tagħna.

Filwaqt li jibni fuq l-esperjenza li l-Kummissjoni kisbet b'InvestEU, l-użu ta' strumenti finanzjarji jeħtieġ jiġi ssimplifikat aktar biex dawn isiru aktar attraenti għall-investituri u l-iżviluppaturi tal-proġetti, inkluż billi jitfasslu strumenti għal tipi speċifiċi ta' investment, jiġu pprovduti termini ċari, jiġu ssimplifikati l-proċessi ta' applikazzjoni, u jiġu żviluppati pjattaformi faċli għall-utent, gwida u tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi. Hija meħtieġa aktar simplifikazzjoni fil-Programmi tal-UE u r-Regolament Finanzjarju tal-UE biex jiġu offruti punti uniċi ta' servizz reali għal opportunitajiet ta' finanzjament u fondi, li jippermettu l-ġbir flimkien tar-riżorsi, aċċess aċċellerat u faċli għall-finanzjament, eventwalment flimkien ma' għotjiet, b'mod li jonqos l-għadd ta' forom biex wieħed jaċċessa l-appoġġ. Dawn il-miżuri huma meħtieġa biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-aċċess għall-finanzi, li huwa partikolarment rilevanti għal intermedjarji finanzjarji u negozji żgħar b'kapaċità organizzattiva limitata.

Huwa importanti li jiġi ppreservat biżżejjed spazju fiskali fl-Istati Membri għall-investment, fil-qafas tas-sostenibbiltà tad-dejn fuq terminu medju sa twil. Il-Fond għall-Innovazzjoni kif ukoll id-dħul nazzjonali taħt l-EU ETS jipprovdu lill-Istati Membri ammont importanti ta' fondi li jistgħu jintużaw għal investimenti li jibqgħu validi fil-futur. Dan għandu jiġi kkomplementat minn riformi strutturali biex titthaffef it-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika. Bl-istess mod, il-baġit tal-UE għandu jkun immirat lejn il-promozzjoni, l-iffaċilitar u l-inkoraġġiment tal-investment li jirriżulta f'livell aktar baxx ta' emissjonijiet, filwaqt li

jkompli jimplimenta, fejn applikabbli, il-kriterji “la tagħmilx ħsara sinifikanti”, kif diġà miftiehem mill-koleġiżlaturi għall-QFP li jmiss. Dan għandu jissaħħa biex iwassal investimenti ta’ kwalità ogħla u f’dan il-kuntest il-Kummissjoni thegħge progress rapidu fir-riżorsa proprja proposta tal-ETS.

Il-mira għall-2040 jeħtieġ tiggwida wkoll lis-settur finanzjarju u lill-awtoritajiet supervizzorji meta jivvalutaw ir-riskji tat-tranżizzjoni klimatika tal-investimenti, u hekk ikun hemm kundizzjonijiet favorevoli meta r-riskji jiġu minimizzati, imma wkoll miżuri adegwati ta’ mitigazzjoni tar-riskju meta le.

Ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-ħiliet

It-teknoloġiji li għandhom jintużaw biex tintlaħaq il-mira tal-UE għall-2040 jinkludu xi wħud li huma lesti għas-suq, bħall-enerġija solari, kif ukoll għadd li għad iridu jittejjbu u jiġu eskalati.

Għalhekk huwa importanti ħafna li jibqa’ jsir investiment fir-riċerka u d-dimostrazzjoni ta’ teknoloġiji innovattivi b’emissjonijiet zero netti, jiġu kkoordinati l-isforzi tal-UE u daww nazzjonali tar-R&I, u jissaħħa l-isforzi biex l-innovazzjonijiet jinġiebu fis-suq u jiġu eskalati. Qed issir riċerka ewlenija dwar it-teknoloġiji industrijali b’emissjonijiet zero u b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju fil-livelli tal-UE, nazzjonali u reġjonali madwar l-UE, u l-programmi Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa qed jifinanzjaw ir-riċerka u l-innovazzjoni mill-aktar avvanzati, inkluż permezz ta’ sħubijiet mal-industrija u l-Istati Membri biex jgħinu ħalli t-teknoloġiji b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju jgħaddu mir-riċerka baziċa għall-użu mifrux fl-industrija intensivi fl-enerġija ⁽⁴³⁾. Orizzont Ewropa waħdu se jalloka aktar minn EUR 30 biljun (mill-inqas 35 % tal-baġit tiegħu) għall-azzjoni klimatika.

Id-dħul mill-ipprezzar tal-karbonju huwa sors ċar ta’ finanzjament fl-użu mifrux ta’ teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju. Sa mill-ħolqien tagħha fl-2005, l-ETS iġġenerat aktar minn EUR 180 biljun, li l-akbar sehem minnhom imur għall-Istati Membri. L-Istati Membri jeħtieġ jiġu inċentivati jinvestu dan id-dħul f’riformi strutturali li jħarsu ’l quddiem ħalli jaċċelleraw b’mod sinifikanti l-manifattura ta’ tagħmir innovattiv ta’ teknoloġija nadifa u juru u jappoġġaw l-użu bikri ta’ soluzzjonijiet industrijali qrib iż-zero.

Fil-livell tal-UE, il-Fond għall-Innovazzjoni tal-EU ETS jipprovdi għodda strateġika biex jappoġġa u jżid l-innovazzjoni f’teknoloġiji b’emissjonijiet zero netti lejn maturità teknoloġika u kummerċjali sħiħa. Dan qed isir strument ewlieni biex tintuża l-istrateġija industrijali tal-UE dwar il-patt ekoloġiku. Fl-ewwel tliet ċikli tiegħu, il-Fond għall-Innovazzjoni alloka EUR 6,5 biljun għal madwar 100 proġett pilota u impjant ta’ dimostrazzjoni għal teknoloġiji innovattivi b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju. L-ammont u d-distribuzzjoni settorjali tal-applikazzjonijiet għall-Fond għall-Innovazzjoni juru impenn qawwi tal-atturi industrijali f’din it-trasformazzjoni u sensiela emerġenti ta’ proġetti promettenti u abbondanti. Is-sottoskrizzjoni żejda qawwija tas-sejħiet kollha għal proposti

⁽⁴³⁾ Il-Kummissjoni Ewropea (2023) [Inżidu t-teknoloġiji innovattivi għan-newtralità klimatika](#)

fuq skala kbira titlob li jiżdied il-finanzjament disponibbli. Pereżempju, fl-ewwel żewġ ċikli ta' applikazzjonijiet, il-proġetti applikaw għal finanzjament ta' EUR 33,8 biljun, għal baġit totali ta' EUR 1,1 biljun. Huwa ċar li l-industrija tal-UE għandha l-għarfien espert iżda wkoll diffikultà biex tinvesti fir-rivoluzzjoni industrijali l-għdida: il-Fond għall-Innovazzjoni jista' jkun motivatur għall-investimenti kosteffiċjenti, ibbażat fuq l-UE u allinjat mas-suq uniku. Għalhekk, il-Kummissjoni se tfittex li timmassimizza l-baġit taħt il-Fond għall-Innovazzjoni sal-2028 billi talloka minn qabel l-impenn tal-fondi disponibbli. Il-Kummissjoni se ssaħħa ukoll is-sinerġiji ma' strumenti oħra u tiżviluppa l-Fond għall-Innovazzjoni bħala pjattaforma, permezz ta' rkanti biex tgħin lill-Istati Membri jagħżlu u jappoġġaw l-aktar proġetti promettenti b'fondi nazzjonali b'mod kosteffettiv. Approċċi innovattivi bħall-“irkantijiet bħala servizz” huma mod promettenti biex jintgħażlu l-aktar proġetti kompetittivi u ambjentalment effettivi fis-Suq Uniku kollu, mingħajr distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u fir-rigward tar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat.

Opportunitajiet ġodda ta' negozju b'emissjonijiet żero netti jwasslu biex jinħolqu iktar impjiegi u għal domanda għal ħiliet ġodda. Id-domanda għal ħaddiema b'ħiliet addizzjonali se tiġi b'investiment li sar qabel l-2030 biex tintlaħaq il-mira tal-2040, f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, fir-rinnovazzjonijiet tal-bini, fil-materjali innovattivi, u fis-servizzjar ta' tagħmir b'emissjonijiet żero netti. Is-settijiet ta' ħiliet ta' ħaddiema f'attivitajiet b'użu intensiv ta' fjuwils fossili jew ta' emissjonijiet li qed jonqsu mhux dejjem jistgħu jiġu faċilment trasferiti għal attivitajiet ġodda. Għandha tiġi żviluppata aġenda ambizzjuża ta' taħriġ u taħriġ mill-għdid ikkoordinata fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri biex tindirizza l-ħtiġijiet għal ħiliet u impjiegi ġodda, filwaqt li tibni fuq l-Aġenda għall-Ħiliet, is-Sena Ewropea tal-Ħiliet u l-inizjattivi eżistenti tal-UE. Din trid tiżgura opportunitajiet ta' impjiegi ġodda u mtejbja għal dawk li bħalissa huma impjegati f'setturi li qegħdin jinqatgħu gradwalment, u li t-tranżizzjoni ma tiġix imxejjla minn spariġġi u skarsezzi tal-ħiliet.

Id-diġitalizzazzjoni ulterjuri tal-ekonomija se tipprovdi għodod pereżempju biex tiġi ġestita l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija u biex tikkontribwixxi għal ġestjoni sostenibbli tal-art tagħna ⁽⁴⁴⁾.

4 Konklużjoni u l-passi li jmiss

Biex niggarantixxu l-prosperità u l-benesseri tal-ġenerazzjonijiet attwali u futuri jeħtieġ li l-UE tkompli t-trasformazzjoni tagħha għan-newtralità klimatika u għal ekonomija sostenibbli u kompetittiva reżiljenti għall-perikli klimatiċi, ir-riskji ġeopolitiċi u ħielsa minn dipendenzi kritiċi.

Il-konklużjonijiet ewlenin u l-għarfien dwar il-politika għat-tranżizzjoni jistgħu jinsiltu mill-analiżi tal-Kummissjoni (l-Anness ta' din il-Komunikazzjoni) biex jiġi infurmat dibattitu wiesa' dwar l-azzjoni meħtieġa fl-UE u f'kooperazzjoni mas-sħab tagħna madwar id-dinja.

⁽⁴⁴⁾ Bħal “Destinazzjoni d-Dinja”, inizjattiva ewlenija tal-Kummissjoni Ewropea għal futur sostenibbli.

Din il-Komunikazzjoni twitti t-triq għal dibattitu politiku u għal għażliet miċ-ċittadini u l-gvernijiet Ewropej dwar it-triq 'il quddiem. Dan se jinforma lill-Kummissjoni li jmiss biex tagħmel il-proposta leġislattiva ħalli tinkludi l-mira tal-2040 fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima u tfassal qafas ta' politika xieraq għal wara l-2030. Il-ħidma li saret bejn l-2024 u l-2029 se ssawwar it-triq tal-Ewropa sal-2040 u 'l quddiem sal-2050. Il-qafas ta' politika se jkollu jiżgura kontribut ibbilanċjat u kosteffettiv tas-setturi kollha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u għall-assorbimenti tal-karbonju.

Fl-istess ħin, biex jinkisbu t-tnaqqis meħtieġ tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-assorbimenti tal-karbonju, jeħtieġ li jkun hemm fis-seħħ kundizzjonijiet abilitanti. Dawn jinkludu l-implimentazzjoni sħiħa tal-qafas tal-2030; l-iżgurar tal-kompetittività tal-industrija u l-agrikoltura Ewropea; miżuri biex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta; kundizzjonijiet ekwi globali; u djalogu strateġiku mal-partijiet ikkonċernati dwar il-qafas ta' wara l-2030, fost l-oħrajn bl-għan li s-settur agrikolu jkun jista' jżomm ir-rwol tiegħu bħala garanti tas-sigurtà tal-ikel filwaqt li jiddekarbonizza.

Hi u tistabilixxi l-mira tagħha għall-2040, l-UE se turi d-determinazzjoni tagħha li tibqa' fuq quddiem nett fil-momentum globali tal-espansjoni tal-manifattura tat-teknoloġija nadifa u l-isfruttar tal-opportunitajiet għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi. Hija se tibgħat sinjal ċar lill-bqija tad-dinja li l-Ewropa għadha kommissa bis-sħiħ mal-Ftehim ta' Pariġi u ma' azzjoni multilaterali b'mod li tipprovdi l-eżempju u l-mezzi biex l-oħrajn jaġixxu wkoll.

ANNEX

8 L-elementi kostitwenti biex tintlaħaq il-mira għall-2040

1. Sistema tal-enerġija reżiljenti u dekarbonizzata għall-bini, it-trasport u l-industrija tagħna.

- Se jkunu meħtieġa s-soluzzjonijiet kollha tal-enerġija b'emissjonijiet zero u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (sorsi ta' enerġija rinnovabbli, nukleari, effiċjenza enerġetika, bijoenerġija aktar sostenibbli, ħżin, CCU, assorbimenti tal-karbonju, u t-teknoloġiji l-oħra kollha attwali u futuri tal-enerġija b'emissjonijiet zero netti).
- It-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili se żżid l-indipendenza u l-awtonomija strateġika tal-UE u tnaqqas ir-riskju ta' xokkijiet fil-prezzijiet. Il-fjuwils fossili solidi għandhom jitneħħew gradwalment. F'konformità mar-REPowerEU, l-użu tal-gass u taż-żejt għandu jonqos maż-żmien b'mod li jiggarantixxi s-sigurtà tal-provvista tal-UE. Katina tal-provvista tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għandha tikkontribwixxi għall-ħżin staġjonali u għas-setturi li diffiċli jiġu dekarbonizzati.
- L-elettrifikazzjoni se tkun il-qofol tat-tranżizzjoni, permezz tal-użu tal-infrastruttura tal-irriċarġjar, il-pompi tas-sħana u l-iżolament tal-bini. Is-settur tal-elettriku jeħtieġ li joqrob lejn id-dekarbonizzazzjoni sħiħa fit-tieni nofs tas-snin 2030, b'aktar flessibbiltà permezz ta' grilji intelliġenti, ħżin tal-enerġija, rispons għad-domanda u ħżin tal-enerġija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Dan se jirrikjedi sforz importanti ta' taħriġ mill-ġdid fis-setturi tal-manifattura u tas-servizzjar.
- Il-mira klimatika għall-2040 se tirrikjedi espansjoni u titjib sostanzjali tal-grilji u l-ħażniet tal-enerġija tal-UE. Il-bidliet fit-taħlita tal-enerġija se jirrikjedu investimenti sinifikanti matul l-10-15 snin li ġejjin u jiddependu fuq il-kapaċità li jiġi stabbilit il-qafas regolatorju t-tajjeb, l-

ippjanar integrat tal-infrastruttura, il-manifattura kompetittiva u l-inċentivi għal ktajjen tal-provvista reżiljenti.

2. Rivoluzzjoni industrijali li tara kompetittività bbażata fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, iċ-ċirkolarità, l-effiċjenza fir-riżorsi, id-dekarbonizzazzjoni industrijali u l-manifattura tat-teknoloġija nadifa fil-qofol tagħha.

- Il-ħtieġa għal aġenda ta' investiment komprensiva biex jiġi attirat il-kapital privat u jiġi żgurat li l-UE tibqa' destinazzjoni attraenti għall-investiment għar-riċerka, l-innovazzjoni, l-użu ta' teknoloġiji ġodda, soluzzjonijiet ċirkolari u l-infrastruttura. Hemm ukoll il-ħtieġa għal użu intelliġenti u antiċipat tal-appoġġ pubbliku għal din it-tranżizzjoni, flimkien mat-tnaqqis tar-riskji tal-investiment privat fuq skala kbira.
- Peress li l-Patt Ekoloġiku jrid ikun ukoll ftehim ta' dekarbonizzazzjoni industrijali, jeħtieġ li qafas ta' abilitazzjoni għall-industrija dekarbonizzata jkun jikkomplementa politika industrijali msaħħa tal-UE bi ktajjen tal-valur reżiljenti, b'mod partikolari għall-materja prima kritika primarja u sekondarja, u żieda fil-kapaċità tal-manifattura domestika f'setturi strateġiċi u l-prinċipju tas-sostenibbiltà kompetittiva inkorporat bis-sħiħ fl-akkwist pubbliku. Dan ikun jeħtieġ mekkaniżmi ta' finanzjament b'riżorsi tajbin fil-livell tal-UE u l-ħolqien ta' swieq ewlenin, inkluż permezz ta' regoli tal-akkwist pubbliku, inċentivi bbażati fuq is-suq, standards u tikketti biex jidderieġu l-konsum lejn materjali u oġġetti sostenibbli u b'karbonju kważi zero.
- Dan se jirrikjedi wkoll approċċ aktar strateġiku biex jiġu żgurati komoditajiet strateġiċi fis-suq globali permezz ta' mekkaniżmi ta' xiri konġunt, kif ukoll miżuri li jindirizzaw il-kompetittività tal-esportazzjonijiet Ewropej fis-swieq globali.
- Flimkien ma' appoġġ immirat għall-investiment, l-ipprezzar tal-karbonju se jibqa' xprun prinċipali għall-bidla. L-iskemi attwali għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet se jkollhom bżonn jiġu ssupplimentati bl-użu effiċjenti tat-tassazzjoni fuq l-enerġija u bl-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-fjuwils fossili li ma jindirizzawx il-faqar enerġetiku jew it-tranżizzjoni ġusta.

3. Infrastruttura għat-twassil u t-trasport u l-ħżin tal-idroġenu u tad-CO₂.

- Intervent pubbliku mmirat jista' jaġixxi bħala katalist biex jaċċellera l-investiment, u dan inkluż fil-livell Ewropew. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-iżvilupp ta' infrastruttura tal-enerġija integrata intelliġenti fil-livell tad-distribuzzjoni, inkluż għall-irriċarġjar u r-riforniment tal-vetturi, u għar-raggruppamenti industrijali, inkluż għall-provvista tal-idroġenu u ta' materja prima b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju biex jiġi sostitwit l-input imsejjes fuq il-fjuwils fossili.
- L-ippjanar urban u tal-bliet se jippermetti liċ-ċittadini u lin-negozji jiddekarbonizzaw l-ambjent tagħhom, kemm permezz ta' infrastruttura tal-irriċarġjar kif ukoll permezz tat-tisħin distrettwali.

4. Tnaqqis akbar tal-emissjonijiet fl-agrikoltura.

- L-agrikoltura għandha rwol vitali fl-iżgurar tas-sigurtà tal-ikel. Bħal setturi oħra, l-agrikoltura wkoll għandha rwol fit-tranżizzjoni ekoloġika. B'politiki effettivi li jippremjaw Prattiki tajbin hemm lok li l-emissjonijiet mis-settur jitnaqqsu aktar malajr filwaqt li jissaħħu l-assorbimenti tal-karbonju fis-settur tal-art, fil-ħamrija u fil-foresti. Il-katina tal-valur agroalimentari għandha tkun involuta sabiex jinħolqu sinerġiji u jiġi sfruttat il-potenzjal massimu ta' mitigazzjoni.
- Għandhom jiġu stabbiliti politiki u inċentivi ċari biex jitwettagħ il-potenzjal tal-innovazzjoni fis-sistema tal-ikel u fil-bijoekonomija inġenerali kif ukoll biex għand iċ-ċittadini tal-UE jasal ikel sostenibbli u tajjeb għas-saħħa.

5. Il-politika dwar il-klima bħala politika ta' investiment.

- B'paragun mad-deċennju 2011-2020 jeħtieġ li kull sena fit-tranżizzjoni jiġi investit 1,5 % iktar tal-PDG– u hekk inkompli nbiegħdu r-riżorsi minn użi inqas sostenibbli, bħas-sussidji fuq il-fjuwils fossili. Prerekwiżit biex dan ikun possibbli se jkun il-mobilizzazzjoni qawwija tas-settur privat. Is-settur privat se jwettaq il-biċċa l-kbira ta' dawn l-investimenti jekk il-qafas ta' politika jinċentiva l-investiment b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u jiskoraġġixxi l-investiment b'livell intensiv ta' emissjonijiet tal-karbonju, dment li jkun hemm argument b'saħħtu li dawn l-investimenti jkunu vijabbli.
- Jenħtieġu politiki ddedikati li jippromwovu l-UE bħala destinazzjoni ewlenija għall-investimenti sostenibbli. Dan jirrikjedi riflessjoni komprensiva dwar l-elementi kollha: ibda mit-tassazzjoni biex wieħed jaċċessa l-finanzjamenti, sal-ħiliet u l-piżijiet regolatorji, u mill-approfondiment tas-Suq Uniku sal-kostijiet tal-enerġija. Dan huwa element kruċjali sabiex il-futur tal-aġenda tal-UE jirnexxi u jeħtieġ li jiġi kkoordinat mal-Istati Membri tal-UE.
- It-tranżizzjoni teħtieġ ukoll użu intelliġenti tal-appoġġ pubbliku u tal-iskemi finanzjarji biex jitqanqal l-investiment privat fuq skala kbira. Fil-każ tas-setturi li jħabbtu wiċċhom ma' riskji kummerċjali għoljin u fil-każ tal-unitajiet domestiċi, fejn l-ekwità hija punt ta' tħassib, se jkun essenzjali appoġġ pubbliku fuq skala kbira. Dan se jirrikjedi impenn aktar attiv u inqas averżjoni għar-riskju mill-atturi finanzjarji istituzzjonali u b'mod partikolari mill-BEI. Fl-istess waqt, l-appoġġ pubbliku jibqa' kruċjali, u l-użu effettiv ta' riżorsi adegwati, inkluż permezz tal-finanzjament tal-UE, għandu jiffirma parti minn riflessjoni, biex il-proġetti industrijali b'emissjonijiet żero u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jsiru kummerċjalment vijabbli.

6. Il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-politiki soċjali fil-qalba tat-tranżizzjoni.

- Ekonomija newtrali għall-klima u reżiljenti se tiżgura l-prosperità u l-benesseri fit-tul taċ-ċittadini tal-UE. Madankollu, il-politika pubblika u l-fondi, kif ukoll id-djalogu soċjali, se jkollhom jindirizzaw l-isfidi għal ċerti gruppi u reġjuni, filwaqt li jappoġġaw l-investimenti fid-dekarbonizzazzjoni mill-unitajiet domestiċi.
- Biex nindirizzaw il-kwistjonijiet soċjali rridu nenfasizzaw il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-politiki soċjali li mhux biss itaffu l-impatt dirett tal-ipprezzar tal-karbonju fejn ikun meħtieġ, iżda jippermettu wkoll lill-unitajiet domestiċi b'introjt baxx jagħmlu t-tranżizzjoni effettiva lejn żero emissjonijiet tal-karbonju.

7. Diplomazija u sħubijiet tal-UE dwar il-klima biex titħeġġeġ id-dekarbonizzazzjoni globali.

- L-UE jeħtiġilha tkompli tmexxi bl-eżempju u tipprovdi kontribut wiesa' biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u twessa' u tapprofondixxi s-sħubijiet internazzjonali tagħha.
- Għandha tuża diplomazija globali attiva tal-ipprezzar tal-karbonju f'sinerġija ma' strumenti oħra tal-politika tal-UE dwar il-klima bħas-CBAM.

8. Il-ġestjoni tar-riskju u r-reżiljenza.

- Ir-riżorsi naturali tal-UE huma kruċjali biex jipprovdu b'mod komplet is-servizzi tal-ekosistema tagħhom, b'mod partikolari f'termini tal-kontroll tat-tibdil fil-klima u tat-tisħiħ tas-sekwestru tal-karbonju.
- L-implimentazzjoni tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal u tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità se tkun kruċjali biex jintlaħqu l-oġettivi klimatiċi tal-UE, inkluża l-mira għall-2040.
- Madankollu, it-tibdil fil-klima se jkollu impatt fuq is-soċjetajiet tagħna għas-snin li ġejjin, u għalhekk irridu nħejju u nadattaw ruħna b'mod parallel. It-tisħiħ tal-miżuri ta' prevenzjoni tar-riskju u ta' tħejjija u l-implimentazzjoni ta' politiki bħall-effiċjenza fl-użu tal-ilma jew soluzzjonijiet imsejsa b'mod ikkoordinat fuq in-natura se jtejbu r-reżiljenza tal-ekonomija kollha tagħna u jnaqqsu l-kostijiet.

